# Mis-Sillabu

RIVISTA GĦALL-ISTUDENTI TAL-MATRIKOLA

Volum 2 Numru 7








"LELI TA' ĦAŻ-ŻGĦIR": IL-PSIKOLOĠIŻMU

TWEĠIBIET MUDELLI FUQ IL-GRAMMATIKA, IT-TRADUZZJONI U ĠORĠ PISANI

IL-KONTROVERSJA DWAR DUN KARM

NOTI DWAR "IL-GĦID TAŻ-ŻGĦOŻIJA"

MISTOQSIJIET DWAR ID-DRAMMI TA' FRANCIS EBEJER: "IL-ĦADD FUQ IL-BEJT", "L-IMNARJA ŻMIEN IL-QTIL" U "L-IMWARRBIN"

PUBBLIKAZZJONI TAL-PUBLISHERS ENTERPRISES GROUP (PEG) LTD.

25ċ

Mis-Sillabu
**Maħruġ l-ewwel darba f'Settembru, 1984**

**Volum 2 Numru 7**

Pubblikat mill-Publishers Enterprises Group (PEG) Ltd,
Triq Herbert Ganado,
Il-Ħamrun, Malta.

© 1986 P.E.G. Ltd.
© Dritt Letterarju tal-kittieba

Il-jeddijiet kollha miżmuma. L-ebda silta ma tista' tkun ippubblikata jew maħruġa b'xi mod jew ieħor fotostatiku, elettroniku, mekkaniku, irrekordjat mingħajr il-permess bil-miktub tal-Publishers Enterprises Group (PEG) Ltd.

Phototypeset mill-Comprint Ltd, Il-Ħamrun
Mitbugħ mill-Imprint Ltd, Ħal Qormi

**Bord Editorjali**
Ġorġ Mifsud (*Editur*)
Mario Azzopardi (*Sub-Editur*)

*Konsulenti* J.M. Brincat
Paul Xuereb

**X'FIH**

**Dun Karm: il-Kontroversja – Argumenti ta' Dr. Paul Xuereb (kontra) u l-Prof. Ġużè Aquilina (favur)** 281
**Effetti tal-Kitba Poetika ta' Dun Karm fuq il-Poeti ta' Żmienu u r-Realisti Moderni – dokumentazzjoni** 283
**Tweġiba Mudell mill-Karta tal-Matrikola "O" Sessjoni Novembru-Diċembru 1985** *Ġorġ Mifsud* 285
**Tliet Drammi ta' Francis Ebejer: Mistoqsijiet mill-Qarrejja** *Francis Ebejer* 286
**Tweġiba Mudell mill-Karta tal-Matrikola "O" Sessjoni Novembru-Diċembru 1985: L-Imħabba u ż-Żgħożija fil-Poeżija ta' Pisani** *Ġorġ Mifsud* 289
**"Leli ta' Ħaż-Żgħir" – Xi Aspetti tar-Rumanz (2): Il-Psikoloġiżmu** *Ġorġ Mifsud* 290
**Noti dwar "Il-Għid taż-Żgħożija"** *Eric Gatt* 291
**Ix-Xjenza tat-Traduzzjoni** *Carmel Bezzina* 293
**Tweġibiet Mudelli mill-Karta tal-Matrikola "O" – it-Taħriġ Grammatikali** *Ġorġ Mifsud* 295
**Seminar għall-Kittieba u Għalliema Progressivi** *David Caruana* Kopertina
**Ir-Reliġjon għall-Kittieb Malti (2):** *Lawrence Quintano* Il-Qoxra ta' Wara

***L-EDITORJAL***

Il-problema ewlenija tal-kritiku letterarju qiegħda filli jgħid il-verità. Dan jidher kumment vojt. Imma jaqbel li wieħed jaħsibha darbtejn meta jkun irid jiftakar li l-verità hija tant assoluta li dejjem jibqa' xi ħaġa li ma jkunx jafha, maqtugħa 'l bogħod minnu. Anki meta jasal il-waqt li jkun jafha mhux bilfors li jkun kapaċi jfissirha. Il-kliem ivarja fit-tifsira minn individwu għal ieħor!

Il-verità għall-kritiku għandha tkun xi ħaġa 'l fuq mir-reqqa fattwali. B'daqshekk ma jfissirx li jista' jitraskura milli jkun eżatt fid-dati u fl-ismijiet. Imma l-qarrej tiegħu ma jistax jixrob jew jibla' kollox. Il-kritiku tajjeb irid ikun silettiv: irid jagħraf bejn dak li jkun importanti u l-bqija li jagħmel mad-dettalji fiergħa. Il-kritiku m'huwiex kamera tar-ritratti imma jrid iħaddem il-ħin kollu l-proċess immaġinattiv ta' l-għażla u tal-kritika. Huwa sewwa sew hawnhekk li jrid joqgħod attent: il-paradoss tiegħu jinsab filli qed jipprova jistqarr il-verità fuq biċċa xogħol li tiddefinixxi lilha nfisha bħala "xogħol ta' fantasija", bħalma hu ngħidu aħna t-teatru. B'hekk xogħlu u r-responsabbiltà tiegħu jitqalu aktar għax irid igħarrex għall-verità tal-valur artistiku f'qasam fittizju.

★ ★ ★

Il-ftit xhur li għamilna weqfin urewna bis-serjetà l-bżonn ta' din ir-rivista. Ħafna kienu l-istudenti, l-għalliema u l-ġenituri li kitbulna u kellmuna fuq l-importanza kbira tagħha għalihom. Din ir-rivista għad baqgħalha skop letterarju.

Kien għalhekk li f'din il-ħarġa ta' qabel l-eżami sħaqna ħafna fuq il-mistoqsijiet u t-tweġibiet mudelli. Għalhekk issagrifikajna l-element ħiżiv xi ftit biex inkunu nistgħu npattu għall-vojt kbir li nħoloq mingħajr il-ħarġiet tagħna.

Jalla nkomplu nsibu l-appoġġ sinċier tagħkom biex inkomplu noħorġu bl-entużjażmu li qed issibu f'din il-ħarġa!

## *Il-Kittieba*

Ġużè Aquilina
Carmel Bezzina
David Caruana
Francis Ebejer
Eric Gatt
Ġorġ Mifsud
Lawrence Quintano
Paul Xuereb

Mis-Sillabu

**Kull korrispondenza għandha tintbagħat lil**
L-Editur, Mis-Sillabu,
Publishers Enterprises Group (PEG) Ltd,
P.E.G. Building,
Triq Herbert Ganado,
Il-Ħamrun, Malta.

# DUN KARM: IL-KONTROVERSJA*

## ARGUMENTI TA' DR. PAUL XUEREB (KONTRA) U L-PROF. Ġ. AQUILINA (FAVUR):

**Oġġezzjoni kontra Dun Karm**

Minkejja l-kwalitajiet li l-aktar jispikkaw fih, Dun Karm kien kittieb *provinċjali*, maqtugħ għal kollox mil-letteratura kontemporanea u anqas biss jifhem fil-letteratura ta' tmiem is-seklu dsatax. Wieħed li influwenza ħafna l-letteratura tiegħu kien Vincenzo Monti, poeta mhux tant tajjeb tal-bidu tas-seklu dsatax, u kittieb Taljan darba xebbah lil Dun Karm ma' Zanella, qassis-poeta minuri Taljan, ta' tmiem is-seklu dsatax. Kien minħabba din ir-raġuni li nżammet lura milli tiżviluppa l-influwenzi letterarja qawwija tiegħu tat-Tletinijiet, l-Erbgħinijiet u l-Ħamsinijiet, żmien li ta ħajja lill-Iskola Poetika ta' Dun Karm.

Dun Karm għex ħajja tajba bħala qassis; anki fl-episodju misterjuż tat-tfajliet u d-daqq tal-kitarra li tellfuh postu fis-Seminarju tal-Isqof jidher li ma kien ħati ta' xejn serju għajr ta' imprudenza. (Fuq hekk, ara x'kiteb Ġużè Cassar-Pullicino fl-ittra tiegħu lis-*Sunday Times* tat-22 ta' Diċembru 1985.) Madankollu studju tal-bijografija ta' Dun Karm minn Ġużè Cardona juri li matul il-perjodu l-aktar attiv ta' ħajtu – ngħidu aħna bejn l-1910 u l-1940 l-attivitajiet pastorali tiegħu kienu ftit u ta' l-ebda importanza, imma l-attività letterarja tiegħu li ma kinitx biss kitba iżda anki bħala membru attiv ta' l-*Għaqda tal-Kittieba tal-Malti*, kienet ġmielha. Waqt li fil-poeżija tiegħu *Dell u Dija*, Dun Karm jiddefendi lilu nnifsu billi juża l-poeżija bħala mezz ta' komunikazzjoni m'Alla, f'*Non Omnis Moriar* u *Lill-Muża*, juri ċerta kburija fl-ispirazzjoni letterarja u f'dak li akkwista, li ma tantx taqbel ma' l-umiltà ta' qassis.

Ma nemminx li artist fil-veru sens tal-kelma għandu jikkommetti ruħu soċjalment u politikament. Ħadd ma jista' jiċħad il-kobor ta' awturi bħal Jane Austen, Alfred de Murset, Pirandello jew W.B. Yeats biex nillimita ruħi għal xi ftit awturi ta' dawn l-aħħar 190 sena – anki jekk kitbithom m'hix dwar it-titjib tal-problemi soċjali jew politiċi. Għalhekk ma nista' qatt naqbel ma' kritika reċenti li qed tissielet biex tiċħad ix-xogħol validu ta' Dun Karm fuq dan is-*suġġett*. Min-naħa l-oħra nasal biex naqbel ma' dawn il-kittieba li l-immaġni mill-poeta tal-Klassi tal-Ħaddiema, magħmula mill-bdiewa, hi maqtugħa wisq mir-realtà u hi anki artifiċjali. Fl-opinjoni tiegħi



**Dun Karm fl-1901 liebes ta' Għarbi (xellug) u liebes pajżan (lemin) f'Tuneż.**
*(Bil-kortesija ta' Ġużè Cardona)*

**Difiża favur Dun Karm**

Dun Karm kien iqis il-poeżija mhux biex jeżerċita l-letteratura, iżda biex jieħu l-opportunità li juża l-lingwa Maltija bħala mezz għal-letteratura, mhux għal xi borża ta' studju għal-letteratura iżda bħala mezz biex juża l-akbar riżorsi tal-Malti, f'dak iż-żmien magħruf bħala "il-lingwa tal-kċina" tal-massa, biex jesprimi l-ogħla emozzjonijiet tal-bniedem u biex joħloq l-immaġini ta' Malta bħala pajjiż bil-lingwa u t-tradizzjonijiet tiegħu. Kiteb għal nies bil-lingwa u l-istil li setgħu jifhmu bihom.

Kont naf lil Dun Karm personalment sa minn meta kont għadni ma ggradwajtx. Kont nafu bħala bniedem ta' manjieri tassew tajbin, qassis twajjeb b'sens għoli tal-valuri reliġjużi u nazzjonali. L-episodju tal-kitarra misterjuża fl-opinjoni tiegħi ma jnaqqas xejn mill-prestiġju li jistħoqqlu. Forsi r-reazzjoni aktar tirrifletti 'l dawk li ppruvaw jumiljawh milli lilu, wara kollox kif qal Dr. Xuereb, għex ħajja bla għelt. Ma' dan jiena nkompli nżid ix-xhieda ta' mara anzjana, illum għandha mat-tmenin (sabiħa minkejja l-età tagħha) li kienet taf lil Dun Karm meta kienet għadha żgħira ħafna. Għadha tirrispettah ferm. Kienet irrabjat ħafna meta qrat fuq l-insinwazzjonijiet personali kontra l-karattru tiegħu bħala qassis. Iddeskrivietu bħala qassis ċelebri u, jekk kien dħuli mat-tfajliet, dan għax kien edukat u l-edukazzjoni la hi xi dnub u anqas ma tnaqqas il-kastità. Jekk tilef postu bħala għalliem fis-seminarju għar-raġunijiet imsemmija minn Dr. Xuereb, ma nistgħux ngħidu ta' min kienet il-ħtija, hix ta' Dun Karm jew ta' dawk li nasbuh. Għax-xogħol pastorali, żgur li dan m'huwiex ħaġa ta' rutina.

Nibża' li din hi waħda mill-fehmiet ta' natura kontroversjali ħafna li xi wħud jaċċettaw u oħrajn le. Ma nistax naqbel li l-immaġni tal-poeta tal-Klassi tal-Ħaddiema, dejjem il-bdiewa, hi waħda irreali u artifiċjali. X'tip ta' realtà għandna f'moħħna? Dun Karm, iben ġenituri mill-Klassi tal-Ħaddiema, li twieled f'raħal tal-bdiewa, dejjem wera n-nies kif kien jafhom hu fil-kampanja. Aħna sirna ġenerazzjoni trejdjunjonista. Id-deskrizzjoni ta' Dun Karm fil-poeżija *Id-Dielja, It-Tifla tar-Raba'* u poeżiji oħra fiha dehriet li llum qed jispiċċaw f'Malta, ta' komunità vera ta' żmienu. Forsi l-poeżija mhux biss tittrasmetti r-realtà iżda wkoll tissebbaħha, ittiha sbuħija ta' immaġinazzjoni poetika. Imma din hi ħaġa ta' min jistennieha. Dun Karm qatt ma kiteb poeżiji li jittrattaw il-politika. Personalment nemmen li l-aħjar mezz għall-protesti politiċi hi l-proża fil-forma ta' artikli f'xi gazzetta politika jew f'xi ktieb. Għal xi ħaġa sabiħa, li thennik għal dejjem, ittik pjaċir li jinftiehem, jeħtiġilha biss is-sabar ta' poeżija.

Is-sbuħija fil-forma tal-bniedem bħal kull sbuħija oħra fin-natura u l-univers joħolqu fina ċertu tqanqil li wieħed irid ikun bla sensittività biex ma jħossux. Hu biss

*Minn *The Sunday Times* 15 ta' Diċembru, 1985.
Traduzzjoni ta' Elizabeth Cauchi.

• JISSOKTA WARA

## L-OĠĠEZZJONI

dawn l-aspetti jnaqqsu mill-intellettwalità u jistgħu jixhdu wkoll li bħala raħli (Dun Karm) ma jasalx biex jifhem l-inġustizzja soċjali li kienu qed ibatu l-Maltin ta' żmienu.

Għadni nisħaq fuq dak li ktibt fl-1970 li f'ċerti poeżiji Dun Karm juri konxjament jew inkonxjament l-attrazzjoni li jħoss lejn is-sess femminili u partikolarment lejn is-sbuħija sempliċi tat-tfajliet raħlin. Ukoll nemmen li fi *Rmied* qed jagħmel dak li fl-aħħar mill-aħħar jammonta għal att penitenzjali ta' qrara għax kien ħati tad-dnub tax-xewqa għas-sess. Ma nsib xejn x'jaħsadni f'dan. Għal kuntrarju, iżid aktar r-rispett li għandi lejn Dun Karm għax jixhed kemm hu uman u wkoll onest, imma nistagħġeb mhux ftit li hawn numru ta' qarrejja li jagħżlu li ma jagħrfux it-tema ta' din il-poeżija. Għalkemm l-importanza storika ta' Dun Karm qatt ma tista' tonqos, kollox ma' kollox hemm tendenza li r-reputazzjoni tiegħu ssofri minħabba li parti kbira mill-poeżiji li kiteb huma devozzjonali, veru li b'kapaċità teknika iżda ppakkjati bi klixejiet u nieqsa mit-tensjonijiet li teħtieġ poeżija tajba tassew.

## ID-DIFIŻA

il-bniedem psikoloġikament mċaħħad li jipprofana s-sbuħija fiżika b'xewqat sesswali ħorox. Dun Karm kien jammira s-sbuħija naturali. Omm Alla qalet fuqha stess: *Nigra sed formosa*. Mhux aħna lkoll bnedmin normali "nħossu ċerta attrazzjoni lejn is-sbuħija femminili", l-aktar lejn is-sbuħija sempliċi tat-tfajliet raħlin!

Għall-poeżija *Rmied* wieħed jista' jgħid li Dun Karm ma kellu l-ebda intenzjoni konxja li l-poeżija tiegħu tkun l-att penitenzjali ta' qrar, għax kien ħati ta' xi xewqa sesswali. L-inkwiet bil-penetrazzjoni Freudjana ta' l-inkonxju qiegħed filli qatt ma tista' tgħid hix tajba jew ħażina. Ħafna drabi tipprova tagħti spjegazzjoni – telfa psikoloġika jew spekulazzjoni psikjatrika. L-inkonxju qiegħed f'moħħ kulħadd. Personalment nippreferi naċċetta l-esperjenzi veri tal-moħħ inkonxju. Kif nistgħu nkella nsalvaw jekk neħduha drawwa li nanalizzaw psikoloġikament lilna nfusna? Kull reputazzjoni ta' poeta ssofri fl-aħħar mill-aħħar. L-aħjar poeti, bħal Wordsworth b'xogħlijiet voluminużi tiegħu, mhux dejjem iżommu l-ogħla grad xieraq. Ħafna drabi jaqgħu mill-ogħla livell tagħhom. Dun Karm m'hux eċċezzjoni.

## *MISTOQSIJA OĦRA DWAR DUN KARM LILL-PROFESSUR ĠUŻÈ AQUILINA:*

**Kif tqis lil Dun Karm bħala poeta u bħala bniedem?**

Wieħed mid-drammi ta' Pirandello għandu l-isem sinifikanti *Così è (se vi pare)*. L-opinjoni hi l-pożizzjoni mnejn wieħed iħares lejn il-ħaġa. M'hemmx opinjonijiet personali biss; hemm ukoll l-attitudni personali. Każ bħal dan insibuh fl-attitudni personali ta' ftit mill-poeti żgħażagħ lejn Dun Karm, li jagħmel mal-ġenerazzjoni ixjeħ. Tajba d-diskussjoni ta' fehmiet differenti għall-eżerċizzju intellettwali b'saħħtu għax il-verità tal-fatti rari tkun imxaqilba fuq naħa waħda biss. Wieħed jista' jikseb bilanċ bi djalogu bis-sens bejn tnejn min-nies li jħaddnu ideat diversi.

Fuq hekk hemm żewġ modi ta' kif tħares lejn il-ħaġa: għalkemm mhux dejjem tkun differenti għal kollox f'kull qasam, xorta tkun differenti bħala espressjoni ta' attitudni mentali u personali lejn Dun Karm bħala bniedem u bħala poeta. Stedint lil Dr Paul Xuereb, kritiku letterarju u reċensjonista, biex jistqarr fehmietu fuq Dun Karm li naf li m'humiex bħal dawk li jgħożżu ħafna ammiraturi ta' Dun Karm. Jien nwieġeb il-kritika tiegħu. Ir-riżultat aħħari ta' dan id-djalogu nittama li jkun viżjoni bilanċjata li tinkorpora u tintegra żewġ attitudnijiet letterarji lejn Dun Karm bħala poeta. "X'inhi l-verità?" staqsa Ponzju Pilatu. Din hi mistoqsija li nistgħu nsaqsuha fuq Dun Karm bħala poeta u bħala bniedem. Wieħed jista' jaqbel miegħi jew ma' Dr Xuereb jew ma ħadd minna t-tnejn, iżda mbagħad f'każ ta' kunflitt ta' opinjonijiet bejn il-ħbieb, wieħed dejjem jista' jgħid lil xi ħadd li ma jaqbilx miegħu, "Int għandek dritt għall-opinjoni tiegħek" – *Così è se vi pare.*

**Dr Paul Xuereb ifisser il-pożizzjoni tiegħu:**

Kultant matul ħajtu Dun Karm kien iqabbad n-nar għal kontroversja, iżda fl-aħħar tletin sena qabel mewtu kien meqjus ħafna bħala l-aqwa prattikant, mogħni bil-vers Malti u forsi l-aqwa wieħed fost dawk li rnexxielhom jaħkmu l-Malti letterarju. Il-poeżiji tassew mirquma bħal *Żjara lil Ġesù, Alla mhux Hekk, Non Omnis Moriar,* il-poeżija filosofika u impressjonanti *Il-Jien u Lil Hinn Minnu,* u għadd ieħor ta' sunetti mexxejja għollew il-livell tal-poeżija ferm aktar 'il fuq mill-karatteristika medjokri u xejn interessanti ta' wħud mill-poeżiji ta' l-istess forma tas-seklu dsatax u tal-bidu tas-seklu għoxrin.

Il-kisbiet tiegħu kienu tant ta' min japprezzahom u l-prestiġju tiegħu tant kien kbir, l-aktar wara l-pubblikazzjoni tal-versi miġbura minn Ġużè Bonnici fl-1939 – 40 u ta' *Antoloġija ta' Poeżiji* ta' Dun Karm fl-1946 minn Ġużè Aquilina li ħalla influwenza tremenda fuq il-poeti żgħażagħ ta' żmienu – influwenza li swiet aktar ta' ħsara milli ta' ġid għax, kif qal Milton dwar Shakespeare mal-kittieba, "their fancy of itself bereaving marble with too much conceiving".

Din l-influwenza mwiegħra flimkien mal-attitudni ultra-konservattiva tiegħu lejn il-ħajja u l-letteratura, wasslet għal reazzjoni wara mewtu fl-1961. Dan ta l-bidu għal-linja qawwija antidunkarmjana tal-*Moviment Qawmien Letterarju* u l-poeti "New Wave" ta' tmiem is-Sittinijiet u bidu tas-Sebgħinijiet. Jien kelli x'naqsam magħhom, għalkemm mhux tant tajjeb meta fl-1970 għamilt diskors *Il-Personalità ta' Dun Karm* ippublikata aktar trd f'*Il-Polz* u ftit ilu f'*Mis-Sillabu* (Vol. I Nri. 3,4).

Il-Personalità ta' Dun Karm m'hix mezz biex titnaqqas iċ-ċelebrità ta' Dun Karm, iżda sforz, tentattiv biss biex nersaq lejn il-poeta kif inhu magħruf fil-poeżija, mhux bħala immaġni sagra iżda bħala bniedem uman li kellu t-telfiet kif ukoll ir-rebħiet tiegħu. Qassis iddedikat li seta' wkoll jinġibed lejn tfajla sabiħa u ma jibżax igħidha, bniedem umli li kien ukoll imkabbar bil-ħila artistika tiegħu, qassis twajjeb li kien ukoll teologu superfiċjali u hekk...

Il-pożizzjoni ta' Dun Karm fl-Istorja Letterarja tagħna hi b'saħħitha. Anki jekk jitfaċċaw egħxieren ta' poeti akbar, il-kitbiet tiegħu ma jistgħu qatt jittiefsu. Għal din ir-raġuni jixraqlu minn jiddiskutih fid-dettall anki jekk dan ifisser li rridu nżommu quddiem għajnejna xi fallimenti u difetti oħra tiegħu. In-nies kbar u ta' importanza qatt ma jkunu daqshekk impressjonanti daqskemm meta nsiru nafu d-difetti tagħhom u xorta waħda nammettu li baqgħu kbar.



BĦALA PARTI mill-programm ta' taħdidiet bi tħejjija għall-Matrikola Avvanzata fil-Malti, il-*Fondazzjoni Ġużè Ellul Mercer* nediet forum nhar il-Ħamis, 12 ta' Diċembru, 1985 fuq it-tema "Effetti tal-Kitba Poetika ta' Dun Karm fuq il-Poeti ta' Żmienu u r-Realisti Moderni." Id-diskussjoni tmexxiet minn Carmel Tabone u l-*panel* kien fih lil Alfred Massa, Roger Scotto u Mario Azzopardi.

**Carmel Tabone** fetaħ id-diskussjoni billi fiehem illi Dun Karm serva ta' linfa biex idawwal l-ambjenti letterarji ta' żmienu u bħala figura daqstant magħrufa fil-ħidma għal ilsien art twelidu, ma satax jonqos illi jħalli l-marka tiegħu fuq dawk li segwewh.

Imbagħad beda biex jitkellem **Alfred Massa** li pproduċa sensiela interessanti ta' fehmiet bil-miktub dwar Dun Karm imħejjijin minn uħud bħal Ġużè Aquilina, Ġorġ Pisani, Karmenu Vassallo, Ġużè Chetcuti u oħrajn li għadhom ħajjin u li fi żmien Dun Karm kienu f'kuntatt kontinwu mal-poeta. Bl-eċċezzjoni ta' Karmenu Vassallo, il-poeti kollha kkwotati minn Massa stqarrew ċar u tond illi Dun Karm effettwa l-ħidma letterarja tagħhom u li huma kellhom reverenza kbira lejh baħla saċerdot-poeta. Forsi l-aktar silta importanti kienet dik ta' Ġużè Aquilina, li fisser illi għalih, Dun Karm kien leħen pijunier ta' "protesta" kontra dawk kollha li riedu jagħżlu t-Taljan bħala l-lingwa tal-kultura u ta' l-edukazzjoni f'Malta. L-istess rispett mingħajr riservi ammettewh ukoll Ġorġ Pisani u Ġużè Chetcuti, li t-tnejn kienu midħla tal-poeta għal ħafna snin.

Hawnhekk, Massa fisser illi din ir-reverenza trid tinftiehem fi żmienha, għax kull attività artistika, u wkoll dik letterarja, ma tistax tinftiehem sewwa jekk tinqala 'l barra mill-kuntest taż-żmien. Massa argumenta wkoll illi r-reazzjoni tal-poeti moderni fis-snin Sittin wieħed jista' jifhimha malajr ukoll, għax dawn l-awturi riedu jġeddu t-tendenzi moderni Anglo-Amerikani bi klima ta' oppożizzjoni min-naħa tal-kittieba stabbiliti. Massa fisser ukoll illi dawk li ttantaw jesperimentaw bil-poeżija l-ġdida kienu ħafna, iżda dawk li rnexxew u baqgħu konsistenti huma dawk il-ftit li rrispettaw il-bażi klassika tal-poeżija.

Fl-intervent tiegħu, **Roger Scotto** qal illi l-epoka tar-Romantiċiżmu trid tingħażel mill-era tal-moderni mill-aspett kulturali u edukattiv. Il-kelliem osserva illi Dun Karm kien qiegħed jaħdem f'ambjent oppressiv, fejn l-edukazzjoni kienet merfugħa għal ftit magħżulin, u għalhekk, il-ħidma ta' Psaila favur identità lingwistika nazzjonali hija ta' min ifaħħarha bil-bosta. Mill-banda l-oħra, qal Scotto, il-kittieba "rivoluzzjonarji" tas-snin Sittin kienu frott ta' sistema soċjali ġdida li wittiet it-triq għal edukazzjoni wisq aktar mifruxa, li bis-saħħa tagħha, ulied il-ħaddiema setgħu jirċievu edukazzjoni sekondarja b'xejn. Il-kelliemi fakkar illi l-aħjar ilħna poetiċi tas-snin Sittin kienu lkoll ġejjin minn familji tal-ħaddiema u fil-"moviment" tas-Sittin ma kienx hemm professjonisti.

Scotto fiehem ukoll illi l-poeti l-ġodda ħassewhom antagonizzati mill-*istatus quo* tradizzjonali u kienu effettwati mill-aħbar internazzjonali li bdiet tilħaqhom minnufih. Scotto osserva wkoll illi l-moviment modern tnebbaħ mir-rivoluzzjoni ta' valuri li kienu qegħdin iwettqu studenti barranin ġewwa l-Ewropa.

Meta indirizza l-laqgħa, **Mario Azzopardi** qal illi huwa għandu riservi serji dwar il-qagħda ta' Dun Karm bħala "poeta nazzjonali". Huwa fakkar illi wħud bħal Ġużè Aquilina u Ġorġ Pisani kienu mistennija, illi jappoġġaw lil Dun Karm, anki mill-aspett politiku, minħabba li huma kellhom tendenzi ċari favur l-imperjaliżmu Britanniku. Azzopardi fakkar illi Aquilina kien ħass li Malta kellha għax "tirringrazzja lill-Providenza" li nħakmet mill-Ingliżi u, mill-banda l-oħra, Pisani kien jieħu kull okkażjoni biex jikteb favur persunaġġi Ingliżi li kienu jgħixu f'Malta, u kien midħla tal-kbarat imperjali li ħakmu fuq il-poplu.

Fil-fehma ta' Azzopardi Dun Karm qatt ma rrifletta l-aspirazzjoni popolari għall-ħelsien u dejjem ra fil-kotra folla waħda anonima, sottomessa u ubbidjenti. Filwaqt li kkompona

innu romantiku idilliku, Dun Karm nesa jitkellem favur il-miżerja kbira, il-faqar, l-injoranza u l-ġuħ li kienu qegħdin ibatu l-Maltin "komuni". Azzopardi fisser illi dak li ma kienx qiegħed jagħmel Dun Karm kienu qegħdin jagħmluh ir-realisti soċjali, bħal Ġwann Mamo, Ġino Muscat Azzopardi, Ġużè Ellul Mercer, Ġużè Orlando, Ġużè Bonnici, John F. Marks u xi oħrajn, ilkoll imnebbhin mil-leħen rivoluzzjonarju ta' Manwel Dimech, li kien eziljat wara ftehim reċiproku bejn l-Awtoritajiet tal-Knisja u dawk Imperjali. Azzopardi kkwota diversi referenzi letterarji tas-snin 1924-30 li pinġew kwadru differenti għal kollox minn dak li ħoloq Dun Karm. Minflok id-dehra pastorali romantika li kien qiegħed jaljena lill-poplu biha Dun Karm, ir-realisti soċjali kienu qegħdin jiktbu dwar il-ħefa, iċ-ċerċir, il-mard, il-ġuħ, il-ħmieġ u l-esplojtazzzjoni tal-ħaddiema. Azzopardi fisser ukoll illi studju psikoloġiku serju dwar Dun Karm għandu juri illi anki fix-xbihat tiegħu, Psaila kien klassista, u kien jemmen dejjem illi l-ħaddiema kellhom jibqgħu ubbidjenti u sottomessi, biex l-għaraq ta' xbinhom "ikun jixraq bħal djamant fil-kuruna tas-sultan".

Azzopardi tkellem ukoll dwar is-silenzju ta' Dun Karm fuq episodji li matulhom ixxerred id-demm tal-kompatrijotti Maltin, bħalma ġara fl-Irvellljlet tas-7 ta' Ġunju, 1919. Fil-fehma tal-kelliem is-skiet ta' Dun Karm kien wieħed konxju, għax il-poeta ma deher qatt li ried idendel kusu ma' l-Awtoritajiet Imperjali. Min-naħa tagħhom, l-Ingliżi dehru jagħtu appoġġ sħiħ lill-kawża ta' l-Ilsien Malti mhux għax kienu jemmnu fil-livell kulturali tal-lingwa nattiva, iżda għax kien jaqblilhom li jkollhom grupp qawwi ta' nies edukati li jużaw il-Malti biex jikkumbattu lill-moviment pro-Taljan. Azzopardi temm billi qal li ma jistax jaċċetta t-teżi li Dun Karm ħoloq letteratura "demokratika" għax il-qassis-poeta dejjem saħaq fuq li l-Maltin għandhom ibaxxu rashom u jaċċettaw id-destin tagħhom ta' poplu maħkum. Saħansitra qal illi Dun Karm ħeġġeġ lill-Maltin biex jaraw fl-Ingilterra "omm ħanina" u li, għaldaqstant, l-idea ta' l-awtonomija u ta' ħila kreattiva popolari qatt ma sabu post fil-poetika ta' Dun Karm. Il-kelliem sostna illi huwa jqis dan l-atteġġjament bħala wieħed passiv u beżżiegħi, "tradiment" tal-kawża popolari. Dun Karm, jaċċetta kompletament żewġ blokki soċjali: il-ħakkiema u l-kotra maħkuma. Anki l-"innu Malti" juri li l-ħaddiem fil-viżjoni Dunkarmjana m'għandux jiġġieled għal jeddijiet, iżda jittallab għall-ħniena tas-Sid.

**J.C. MANGION**

# L-INFLUWENZA TA' DUN KARM FUQ KITTIEBA TA' ŻMIENU

**Dan kien aspett li Alfred Massa, Mario Azzopardi u Roger Scotto f'Diċembru, 1985 iddiskutew fil-"Workers Memorial Building" il-Belt bħala parti minn sensiela ta' taħditiet dwar is-sillabu tal-Malti Avvanzat, organizzati mill-Fondazzjoni Ġużè Ellul Mercer (ĠEM).**

Kien Alfred Massa li tkellem l-ewwel. Beda biex qal li l-effett li kellha l-poeżija ta' Dun Karm fuq poeti li għexu fi żmienu wieħed jista' jarah mill-versi li kitbu dawn l-istess poeti kif ukoll minn stqarrijiet li għamlu pubblikament. Hawn huwa kkwota b'eżempju dak li qal Patri Ġużè Delia S.J. f'intervista li ta lill-gazzetta *Leħen is-Sewwa* u li dehret fil-ħarġa tad-29 ta' Novembru, 1980 fejn Delia stqarr: "...bdejt naqra lil Dun Karm u ktibt l-ewwel poeżija bil-Malti."

Imbagħad Massa ssokta billi qal li b'xorti tajba għalina għad għandna fostna poeti li għexu fi żmien Dun Karm; poeti li ddjalogaw miegħu, li qasmu miegħu l-ideat tagħhom. Għalhekk hu resaq quddiem uħud minn dawn il-poeti u talabhom igħidulu x'effett kellha, jekk kellha, il-poeżija dunkarmjana fuq xogħlijiethom. Hawn għandna t-tweġibiet li tawh.

*"BIEX TIFHEM SEWWA lil Dun Karm trid tifhmu fiż-żmien u s-soċjetà li għex fiha. Din kienet ukoll l-istess soċjetà li għext fiha jiena f'żgħożiti meta kont għadni student l-università u kont sikwit niltaqa' u nitkellem ma' Dun Karm fil-Biblijoteka Nazzjonali. L-effett li kellu fuqi Dun Karm kien effett kbir, effett ta' fiduċja u inkoraġġiment morali fil-glieda għall-identità lingwistika u Maltija kontra l-impożizzjoni tal-lingwa Taljana bħala lsien nazzjonali, l-ilsien uffiċċjali tal-Gvern, tal-Kurja u Stituzzjonijiet oħra kulturali u reliġjużi. It-Taljan – lingwa tal-kultura, tal-gvern u tal-puliti; il-Malti – il-lingwa tan-nies tax-xogħol, tal-kċina u tal-baxxa. Dun Karm, bil-prestiġju tiegħu nazzjonali li kien ġà għamel isem bħala poeta bit-Taljan, kien il-Poeta tal-Protesta, protesta kontra sekli ta' egemonija politika u kulturali barranija. Ammirajt fih il-kuraġġ kif esprima ruħu, dejjem bil-kwiet u qatt bi tbaqbiq kontra l-insulti ta' dawk li kienu jidentifikaw lil Malta min kulturalment biss u min politikament ukoll ma' l-Italja. Dun Karm sfida mingħajr daqq tat-tnabar il-ħrafa ta' dawk li kienu jgħidu u jiktbu li l Malti ma jistax joħloq letteratura tiegħu u lanqas jidħol fil-qrati. Fil-qosor l-ewwel effett tiegħu fuqi kien bħala l-poeta tal-protesta u t-tieni bħala l-imgħallem tal-kelma miktuba u mirquma li ta statura letterarja lill-ilsien Malti."*

***PROF. ĠUŻÈ AQUILINA***
*19.11.1985*

*"IL-MUŻA TA' DUN KARM kienet dik li pperswadietni li bil-Malti wieħed jista' jikteb poeżija tajba daqs dik li tinkiteb f'ilsna oħra ta' l-Ewropa. Din il-konsiderazzjoni ġagħlitni nħalli l-kitba tiegħi f'ilsna oħra u ninxteħet għal dik tal-Malti. Barra minn hekk, il-poeżija ta' Dun Karm illuminatni mhux ftit fil-karriera kollha tiegħi leterarja kif għenuni wkoll ħafna l-pariri siewja li kien jagħtini kull meta konna niltaqgħu flimkien. Inħossni xxurtjat li għext fi żmien meta għex il-Poeta Nazzjonali tagħna."*

***ĠORĠ PISANI***
*18.11.1985*

*"GĦAL DUN KARM, għandi mhux biss ammirazzjoni, iżda venerazzjoni. Kont nafu mill-qrib ħafna. Kont spiss immur għandu Tas-Sliema jew San Pawl il-Baħar. Kont nurih xi xogħol letterarju li kont lestejt, u hu kien jagħmilli xi suġġerimenti li jien kont insib ta' siwi kbir. Iddedikajtlu t-tradizzjoni tiegħi bl-Ingliż ta' I Sepolcri ta' Foscolo, peress li hu kien qaleb l-istess poema għall-Malti. Kont inħobbu fil-veru sens tal-kelma, tant bħala poeta, kemm bħala bniedem. B'danakollu nista' ngħid bla tlaqliq li ma kont qatt influwenzat mill-pinna tiegħu. Għal dak li hu metru, jien użajt tant il-metru tradizzjonali kemm il-modern. Imma għal dak li hu sustanza, dejjem fittixt li nkun jien."*

***DR. ĠORĠ ZAMMIT***
*21.11.1985*

*"NGĦID GĦALIJA BARRA L-ORIĠINALITÀ ta' ħafna mill-poeżiji ta' Dun Karm togħġobni ferm il-preċiżjoni, jiġifieri, kif fi ftit kliem jesprimi ħsibijietu hekk għoljin u sbieħ, u t-teknika, jiġifieri l-ħila u s-sengħa li biha jinseġ*

*ħsibijietu. L-effett li kellha fuqi l-poeżija ta' Dun Karm huwa s-seħer (l-ammirazzjoni) għall-ħsibijiet għoljin u sbieħ li fiha."*

***MATTEW SULTANA Kapp.***
*19.11.1985*

*"SAFEJN NAF JIEN, il-poeżija ta' Dun Karm ma kellha ebda effett jew influwenza fuq il-poeżiji tiegħi. Lanqas ma jidhirli li xi darba kien hemm min qal jew kiteb li fi vrusi jew fil-ħsibijiet li esprimejt f'din jew f'dik il-poeżija tiegħi xiref jew inħass xi rifless mill-poeżija ta' Dun Karm. Dak li stajt ħadt jew ippruvajt nieħu mill-wirt kbir li l-Poeta Nazzjonali ħallielna fil-għana tassew sabiħ u kotran tiegħu kien aktarx is-sabar fil-għażla tal-kelma u f'dik li hi (safejn u sakemm irnexxieli) reqqa fl-insiġ u l-bini tal-poeżija kif titlob sengħetha bi Lsienna. Fi kliem ieħor, għal dik li hi teknika jew arti fil-kitba poetika bil-Malti Dun Karm dejjem kien u jibqa' għalija l-aqwa u l-iprem Imgħallem."*

***KARMENU VASSALLO***
*19.11.1985*

*"DUN KARM KELLU FUQI effett kbir, l-aktar fl-ewwel snin li bdejt nikteb il-poeżija. Kienet l-ewwel poeżija tiegħu li qrajt "Warda li tgħid Ġrajjietha" li fetħitli t-triq għall-karriera li qbadt fil-kitba tal-poeżija. Dan l-effett ta' Dun Karm li miegħu jien kelli kuntatti kbar meta hu kien Direttur u jien Assistent-Direttur ta' Il-Malti, jinħass sew fl-ewwel ktieb tal-poeżiji li ħriġt bit-titlu Poeżiji. Għedt "l-aktar fl-ewwel snin" għax maż-żmien il-bixra u l-ispirazzjoni tal-poeżija tiegħi nqatgħet mill-influwenza ta' Dun Karm u bdiet tinħass aktar l-individwalità u l-personalità tiegħi fil-poeżija kif jidher ċar fil-ktieb "Il-Ħajja Nżul u Tlajja'".*

*Dun Karm ġà mdaħħal sewwa fis-snin u fil-maturità u ġà magħruf għall-poeżija kbira tiegħu ma setax jonqos li l-effett tiegħu ma jinħassx mill-ġenerazzjoni żagħżugħa li kienet tielgħa fis-snin Tletin mimlija ħeġġa u mħabba għall-poeżija."*

***ĠUŻÈ CHETCUTI***
*19.11.1985*

*"BĦALMA KONT KTIBT FL-1962 fil-ħarġa speċjali ta' "Leħen il-Malti" dwar Dun Karm, jien kont imsaħħar mill-ġmiel tal-poeżija tiegħu sa minn meta kont student fis-Seminarju. Imma kelli x-xorti kbira li nkun nafu mill-qrib ħafna meta Dun Karm stedinni d-dar għandu f'Settembru tal-1943 biex jara l-poeżiji tiegħi. Jien bqajt immurlu sikwit u, barra li fraħt li huwa għenni fil-kitba tal-poeżija, jien fraħt iżjed meta mill-1944 jien bdejt ngħallem il-Malti fil-Kulleġġ San Alwiġi u fis-Seminarju, fejn kellna s-sillabu għall-Matrikola l-poeżiji ta' Dun Karm, u hu kien jagħtini dawl aktar fuqhom. B'hekk lili kien iżid isaħħarni bil-ġmiel tal-poeżiji tiegħu. Wara dawk il-laqgħat kollha fid-dar tiegħu sakemm miet fl-1961 u wara li għallimt fiż-żewġ skejjel il-poeżiji tiegħu mill-1944 sal-1970, mhux ta' b'xejn li jien ġejt influwenzat mill-poeżiji ta' Dun Karm. Għal-hekk ukoll li xi poeżiji tiegħi jixbhu lil dawk tiegħu u li s-suġġetti tal-poeżiji tiegħi, bħalma huma l-Ġmiel tan-Natura, ir-Reliġjon u l-Patrijottiżmu, huma wkoll dawk li nebbhu lil Dun Karm u nisslu fih il-leħma tal-poeżiji ġawhar li hu ta lil-Letteratura Maltija. Nista' ngħid ukoll li fuqi kellhom effett kbir mhux biss il-poeżiji tiegħu imma wkoll il-personalità tiegħu u l-ħbiberija ta' bejnietna. Dawn kollha flimkien influwenzaw ukoll it-tiswir u l-bini tal-karattru tiegħi. Min-naħa tiegħu, forsi għaliex ra li kienet qed tinfluwenzani l-poeżija tiegħu, Dun Karm f'waħda mill-ittri lil Karmenu Mikallef-Buħaġar (miġjuba fil-ktieb* Dun Karm. Ħajtu u Ħidmietu 1972, p. 253 ta' Ġużè Cardona) kiteb: "Il-Letteratura Maltija miexja 'l quddiem. Dawk il-versi ta' Vassallo, Chetcuti u Dun Frans Camilleri jagħmlu unur lil Malta u jġibu warajhom ħafna oħrajn jekk mhux aħjar minnhom tajbin bħalhom".

***DUN FRANS CAMILLERI***
*1.12.1985*

LIVELL O

# *TWEĠIBA MUDELL.*
# *SESSJONI Novembru-Diċembru 1985*

## *L-I Karta Nru 3: Traduzzjoni*

L-arranġament tal-fjuri huwa arti li kienet maħluqa u kienet studjata fil-pajjiżi tal-Lvant għal mijiet ta' snin. Imma hi żvilupp ftit jew wisq reċenti fil-Punent. Din hija arti kollha kemm hi personali u li daqskemm tiddependi mill-gosti ta' min jirranġa l-fjuri daqshekk ieħor tiddependi mir-regoli u mill-ideat fissi mfassla minn qabel bħala gwida.

Il-gost u s-sodisfazzjon li jistgħu jinkisbu meta wieħed jirranġa bieqja fjuri x'aktarx li jkunu diffiċli biex ifissirhom u jiddeskrivihom billi dawn ikollhom jvarjaw skond il-bniedem li jkun, skond kemm ikun daħal 'il ġewwa fl-imħabba tiegħu lejn il-fjuri u l-ħdura u lejn it-tkabbir tax-xtieli, kif ukoll skond xi tkun ir-reazzjoni tiegħu lejn il-ġmiel, kif inhi din l-arti.

L-idea li l-bniedem ma għandux ikun imwarrab 'il bogħod wisq mid-dinja art twelidu m'hijiex xi ħaġa ġdida u fi żmienna, meta aħna impenjati fl-industrija u l-kummerċ u meta l-magni donnhom waslu, kif mhux suppost, biex jiġu fuq quddiem nett f'ħajjitna, l-irranġar tal-fjuri f'vażun jidher li għandu wkoll tifsira akbar milli qatt kellu qabel.

ĠORĠ MIFSUD



IL-ĦADD FUQ IL-BEJT



L-IMNARJA ŻMIEN IL-QTIL



L-IMWARRBIN

(Bil-kortesija ta' Francis Ebejer)

# 3 DRAMMI TA' EBEJER

## MISTOQSIJIET MILL-QARREJJA

**1. Uri kif, fit-tliet drammi, il-ġlieda bejn il-mara u r-raġel għandha dejjem tifsira usa' minn ġliedha ħafifa bejn żewġ individwi.**

Kull dramm huwa msejjes fuq livelli differenti. Hekk ukoll il-ġlied u t-tilwim bejn xi raġel u mara minn qalb il-karattri. Għalkemm dawn il-livelli li semmejt hawn se' neħodhom wieħed wieħed, dan ma jfissirx li wħud minnhom kultant ma jingħaqdux flimkien jew jitħabblu f'xulxin – u dan f'ġieh l-għanijiet ċentrali tad-dramm.

### IL-ĦADD FUQ IL-BEJT

(1) *Il-livell realistiku.* Dan huwa l-livell li jidher mill-ewwel u li hu mfassal fuq in-nuqqas serju ta' ftehim bejn Paul u martu Rita. Rita tħossha mxejna għax m'għandhiex ulied. Issens tagħha ta' frustrazzjoni tixħtu fuq żewġha. Barra, il-ħajja għaddejja xorta.

(2) *Psikoloġiku.* Qisha qiegħda fil-bniedem li bilfors irid iwaħħal f'xi ħadd meta tiġi ħażina. U hekk tagħmel Rita: twaħħal f'Paul. Paul aktarx li t'qiegħ qalbu jwaħħal f'xi nuqqas f'Rita, iżda dehnu jgħidlu li fi ħwejjeġ bħal dawn mhux lakemm tagħti t-tort. It-tnejn qegħdin ibatu minn sens ta' ħtija li jippruvaw jitfgħu fuq xulxin. Il-ħtija tinfexx f'kumplessi oħra ta' għira, ta' biża', ta' superjorità u ta' inferjorità.

(3) *Emottiv.* Rita tagħti ħjiel sew ta' l-iskala emottiva ta' mara taħt pressjoni mentali u psikoloġika. Bħala kuntrast, Paul iżomm l-emozzjonijiet tiegħu taħt kontroll. Jagħtina x'nifhmu li n-negozju għallmu jrażżan l-emozzjonijiet – forsi ħaġa meħtieġa f'dak l-ambjent iebes, iżda żgur li le fir-rabta tiegħu man-nies bħala bnedmin; u martu hija bniedma wkoll. Għal Rita, il-ħajja ta' l-emozzjoni hija l-qofol ta' l-eżistenza. Il-qagħda stoika ta' Paul tagħtiha ġewwa u hi tirvilla kontra tagħha. Min-naħa l-oħra, hi ironika li dik l-istess dixxiplina emozzjonali ta' Paul saħansitra twasslu biex ikun il-blatawens għal Rita fl-eqqel tat-tempesta tal-kriżi tagħha.

(4) *Morali/filosofiku.* Il-ħajja materjalistika tagħhom tkompli ttaqqal il-konflitt ta' bejn Paul u Rita. Materjalistika wkoll hija l-konvenzjoni soċjali li tħaddan Rita. Ambjent materjalistiku bħal dan jispiċċa biex joħnoq l-imħabba, is-sens ta' ġustizzja, it-tolleranza, il-maħfra. Jekk ir-raġel kultant jidher ta' fehmiet aktar spiritwali-morali, dan għax il-mara ikollha tissielet aktar mad-dinja materjali ta' kuljum, f'dak li huwa l-ħarsien bażiku tal-familja: ix-xiri, it-tisjir, l-indafa, l-ilbies u l-bqija.

(5) *Soċjoloġiku.* Hemm differenza sew ta' klassi bejn Paul u Rita: estensjoni ta' dik li teżisti bejn belt u raħal. Bejn il-filistiniżmu mrawwem mill-flus, u l-arti, jinsabu differenzi oħrajn li spiss jinfexxu f'egoiżmu, kemm personali u soċjali, u preġudizzju.

(6) *Politiku.* Il-ġlieda tieħu aspett politiku, imqar indirettament, minħabba l-klassiżmu: il-"*background tagħna*" u l-"*background tagħhom*", kif tgħid Marion. Hemm l-istmerrija ta' Rita lejn Karmnu u Johnny li huma mirraħal, u d-difiża li jagħmlilhom Paul. Rita tinfexx favur il-klassi privileġġjata tagħha u kontra kull theddida ġdida, jew moderna, li hi taraha ppersonifikata f'Paul u f'niesu tar-raħal.

(7) *Metafiżiku/reliġjuż.* Hemm l-akkużi ta' ħtija bejn Paul u Rita. L-istorja sseħħ fil-jum imqaddes tal-Ħadd: jum li fih il-ħtija għandha titpatta, ħalli flimkien mas-sogħba, jew l-indiema, twassal għall-maħfra u l-fidwa, għal twelid ġdid u aħjar. Il-metafiżiku jinsab fir-riżultat ewlieni tat-tilwima ta' bejniethom: Rita ġdida, "mgħammda" mill-ġdid.

(8) *Metaforiku/allegoriku/analogu.* Malta għaddejja minn konflitti qabel twelid ieħor ġdid – ta' sovranità. Mera ta' dan hija t-taqbida ħarxa bjen Paul u Rita. Il-gwerra klassista tinħtieġ li tinħall għall-ġid ta' Paul u Rita, u f'sens analogu, tan-nazzjon. Fil-ġlieda ta' bejn it-tnejn hemm ukoll l-idea ta' kemm hi meħtieġa qrubija aktar bejn il-tifsiriet is-soltu opposti ta' raħal u belt, li jmisshom ikunu ħaġa waħda f'ġieh familja/nazzjon magħqud.

(9) *Femminista.* (Livell qawwi, kif igħiduli, f'bosta mid-drammi u r-rumanzi tiegħi). Naraw l-isforzi tal-mara f'ġieh il-jeddijiet tagħha bħala entità, bħala xi ħadd li lesta biex tħobb u tgħożż, iżda mhux minn xi qagħda servili, inferjuri. Hi wkoll tistenna li jingħata lilha l-istess rispett li hi tagħti lir-raġel.

### L-IMWARRBIN

(1) *Il-livell realistiku.* Għadd ta' nies qegħdin igawdu l-aħħar snin ta' ħajjithom fil-kwiet u l-kumditajiet ta' lukanda mwarrba. Liża, l-aktar waħda żagħżugħa, issib ruħha maqbuda fid-dinja xejn ċara tal-kbar. Iżda s-sens u d-dehra ta' ordni huma finta, paraventu li warajh hemm moħbija l-ħtijiet kbar fl-imgħoddi ta' dawn in-nies. It-tilwim ta' bejniethom, l-iktar bjen Jean u Andre, fuq dan il-livell, jieħu xejra tal-fenomenu tal-firda bejn il-ġenerazzjonijiet (*generation gap*).

(2) *Psikoliġiku.* Hemm is-sens ta' ħtija (*guilt complex*) fil-karattri. Dan f'Jean huwa aktar sottili waqt id-diżgwid tagħha ma' Andre. Jean hi l-inqas li turiha x-xenqa għat-tisfija. Iżda kieku ma kellha l-ebda dubju dwar imġiba fl-imgħoddi, ma kinitx "twarrab" ruħha għal ġewwa s-sigurtà mistħajla tal-lukanda. Barra minn hekk, il-konflitt ta' bejn Jean u Andre huwa wkoll il-mera ta' dawk id-differenzi li jistgħu jinqalgħu bejn il-kbar u ż-żgħażagħ: il-kbar midinba, u ż-żgħar li lesti wisq biex jiġġudikawhom; il-kbar ta' esperjenza fit-tiġrib tal-ħajja, u ż-żgħażagħ li m'għandhomx sabar qabel ma jġarrbu esperjenzi simili, u b'hekk jaħsbu li jkunu "kibru"; it-taqtigħa psikoloġika għall-poter; l-imħabba u l-għarfien karnali tal-kbar, li ż-żgħażagħ iħossuhom għadhom maqtugħin minnhom wisq. Il-ġudizzju ta' Andre qatt m'hu oġġettiv, imma personali għall-aħħar. Hemm ġibda u ammirazzjoni mistura lejn Jean, u jekk fil-wiċċ jidher li ġie biex ipattihielha għall-ħsara li mingħalih il-familja tiegħu kienet ġarrbet minn taħt idejha, fil-fondnett tiegħu, xorta qisu jħares lejn Jean bħal dik il-mara-sirena sabiħa li missieru kien ħabb u ħa.

(3) *Emottiv.* Andre ma jafx, jew ma jridx jaħbi l-emozzjonijiet tiegħu – barra forsi l-ġibda li għandu lejn Jean. Jean hi mara bla

biża' u ta' emozzjonijiet iddixxiplinati sew (cf. Paul f'*Il-Ħadd fuq il Bejt*). Lil Andre l-emozzjoni tbandlu minn naħa għal oħra: mill-korla għan-niket, mill-mibegħda għall-ammirazzjoni. Jean lesta turi emozzjoni waħda biss – l-imħabba, kemm dik ta' l-imgħoddi u dik li dejjem baqgħet tħoss għal Andre u oħtu Casta. Għallinqas f'dil-ħaġa hi turi integrità emottiva.

(4) *Morali/filosofiku*. Hemm it-tfittxija għal dik il-moralità li tagħmel mal-ġustizzja. Mingħajr ġustizzja ma jista' jkun hemm la tisfija u anqas ħelsien veru. Fil-konfront tiegħu ma' Jean, Andre qed jipprova jeħles ruħu mis-seħer ta' Jean li qisha għaddiet minn missieru għalih f'kurrenti taħtani ta' inċest. It-theddid ta' l-aħħar min-naħa ta' Andre ma jibqagħlux il-qawwa ta' qabel.

(5) *Soċjoloġiku*. L-iktar li jispikka hawn huwa kif dawn in-nies, u għalhekk Jean fit-taqbida tagħha ma' Andre, jinqatgħu mill-bqija tar-razza umana. Minflok ma l-battalja tal-ħtija jiġġilduha fil-komunità, huma jagħżlu li jirriduċuha f'forma għal kollox egoista u anti soċjali. It-tilwim ta' bejn Jean u Andre jieħu għamla ta' istituzzjoni umana fl-aspetti pożittivi u negattivi qerrieda tagħha.

(6) *Politiku*. (ara aktar 'l isfel dwar il-livell allegoriku/analogu).

(7) *Metafiżiku/reliġjuż*. Hemm is-sens reliġjuż ta' ħtija, tpattija u fidwa. Il-metafiżiku jinsab f'kif Andre jsir qisu missieru stess f'dik li hi ġibda lejn Jean. Fir-ritwal parareliġjuż ta' qrar u penitenza fit-Il Att, hemm is-sikkina tas-sagrifiċċju li fl-istess waqt hija simbolu falliku, kif ukoll simbolu tal-mard u tal-fejqan, tal-għelt u tal-purifikazzjoni.

(8) *Metaforiku/allegoriku/analogu*. L-insularità tal-lukanda ta' Rafela tista' titqabbel ma' dik ta' Malta. Il-konnessjonijiet ma' barra (il-belt, il-wied) huma dawk ukoll ta' Malta mal-pajjiżi kolonizzaturi. Minn barra għal ġewwa, u viċe-versa, ġejjin u sejrin nies li għandhom parti mill-imgħoddi tal-karattri fil-lukanda/gżira. Jean kienet marbuta sew mal-ħajja ta' barra l-lukanda (fil-pajjiżi kolonizzati). Andre, li ġej minn "barra", irid iżomm kuntatt ta' barrani li hu ma' Jean li trid tkun ħielsa u sovrana fil-lukanda/gżira tagħha.

(9) *Femminista*. Hi u tissielet ma' Andre, Jean trid turi li jekk għandu jkun hemm xi ħtija fl-imħabba tagħha lejn missier Andre, m'għandhiex taqa' fuqha l-ħtija kollha, sempliċiment għax hija mara. Kontra kull argument "ġust" li jqajjem Andre, Jean għandha ieħor lest, xejn inqas "ġust" minn tiegħu. Ma tridx tmut taħt id-daqqa tas-sikkina ta' Andre sempliċement għax hi mara, u għax il-mara minn dejjem kienet vittma naturali tar-raġel. Imma bħala persuna, bniedma, integra u ħielsa, li forsi żbaljat fl-imħabba, u jkollha tpatti, ħalli li f'għajnejha stess m'għamlet xejn minn dan. L-iżball, jekk jeżisti, tixtieq taċċettah hi weħidha, kemm jista' jkun bla ndħil barrani.

### L-IMNARJA ŻMIEN IL-QTIL

(1) *Il-livell realistiku*. Għadd ta' żgħażagħ jitilgħu l-Buskett għall-festa ta' l-Imnarja. Hija okkażjoni għax-xalar. Iżda, Imnarja jew le, il-bniedem hu kif inhu, minn barra u minn ġewwa. Sadanittant, qed jitwettaq massakru tal-fniek, u l-qtil ta' mara minn Mario. Nies ta' llum f'ambjent ta' festa tradizzjonali.

(2) *Psikoloġiku*. It-tilwim ta' bejn Peter u Roża, Peter u Ġulja u Mario u Ġulja m'hux wieħed ta' kritika u akkuża biss. Ħafna aktar fil-fond, u għalhekk aktar reali għax marbuta ma' egħruqhom, hemm dik ix-xenqa tagħhom, għall-ewwel subkonxju, li forsi f'xulxin huma għad isibu t-triq tal-ħelsien mill-inkubi u l-kumplessi tagħhom. F'Roża, ngħidu aħna, hemm dik is-sodizza ta' karattru li Peter jixtieq li għandu hu wkoll. F'oħtu Ġulja, Mario jfittex li jsib dawk il-"krozzi" morali-psikoloġiċi li jinħtiġulu biex jieqaf fuq riġlejh u jkun bniedem sħiħ. F'Peter, Roża ssib dak is-sens ta' l-assurd li fil-ħajja huwa essenzjali daqskemm hu radjejter għall-magna ta' karrozza – mingħajr dak l-ilma, il-magna (il-ħajja) tisħon wisq!

(3) *Emottiv*. Kemm Ġulja u kemm Roża t-tnejn spiss jixhdu sens ta' mogħdrija lejn Peter waqt it-tilwim ta' bejniethom. Jarawh bniedem li jista' jkun aħjar milli jidher, jew kif jixtieq li jarawh in-nies. Iżda filwaqt li l-mogħdrija ta' Ġulja hija kkondizzjonata u nfilsata fl-imħabba li tħoss għal bniedem partikolari (Peter), dik ta' Roża hija aktar ġenerika għax tiġbor ġo fiha mogħdrija lejn kollha kemm hi l-eżistenza. Peter għall-bidu jidher bħala wieħed rgħib għal kull ma jara b'għajnejh. Iżda taħt l-influwenza taż-żewġ nisa u s-sentimenti tagħhom jibda biex l-egoiżmu tiegħu hu jagħrfu talli hu – distruttiv fil-biċċa l-kbira tiegħu – u fl-aħħar isir aktar tolleranti u jibda jħoss u jipprattika l-ħniena.

(4) *Morali/filosofiku*. Huwa l-materjaliżmu, l-iktar dak ta' Peter, li l-iktar li jxellef il-qagħda moralistika ta' bejniethom. Iż-żina f'Peter qiegħda żżommu milli jirrealizza ruħu f'egħmil aktar moralment ġust. Fit-tilwim ta' bejniethom, m'hix Roża biss li tiftaħlu għajnejh, waqt li qegħdin jinfethu tagħha stess. Ġulja wkoll qiegħda tagħmel dan, imma b'dak it-tip ta' moralità li, għalkemm fil-bidu jidher superfiċjali u konvenzjonali wisq, se' jwassalha għal moralità aħjar u ifjen: dik tad-doppja-kuxjenza li ġġiegħlek tifhem li l-fidwa ta' ħaddieħor hija importanti daqs tiegħek (jekk mhux iktar ukoll).

(5) *Soċjoloġiku*. Għandna t-tifsira ta' l-Imnarja fis-soċjetà Maltija, fl-aspetti diverġenti tagħha, pass pass mas-soċjetà partikolari li teżisti bejn il-karattri. Il-ġlied ta' bejniethom huwa mifrux fuq it-tifsir u l-attwalità ta' ħedoniżmu/paganiżmu u Kristjaneżmu; ir-



**Ebejer qed jingħata l-midalja ta' l-unur għax-xogħol drammatiku tiegħu minn Mme. Marie-José Roig, is-sindku ta' Avignon fi Franza.**

responsabbiltà personali/nazzjonali u n-nuqqas tagħha; ħajja privata, magħluqa fiha nfisha u egoistika, u ħajja fil-komunità jew fis-soċjetà.

(6) *Politiku*. Il-politika mħallta tal-pajjiż innifsu hija l-mera tad-differenzi li jeżistu bejn l-irġiel Peter u Mario u n-nisa, Ġulja u Roża. Fuq naħa hemm l-aljenazzjoni tal-popolin, waqt li fuq l-oħra hemm iż-żina tal-privileġġità; l-*istatus quo* ta' Peter, għallinqas fl-ewwel nofs tad-dramm, *versus* il-viżjoni dinamika ta' Roża, u fl-aħħarnett, ta' Ġulja wkoll.

(7) *Metafiżiku/reliġjuż*. Fit-tilwim tagħhom, toħroġ il-kodiċi nisranija li titqabbel ma' dik ta' xejra pagana. Il-qtil tal-fniek u l-qtil emozzjonali jitqabblu mas-sagrifiċċju tal-Quddiesa. It-traxxendenza ta' l-istint lejn aktar responsabbiltà u rieda tajba lejn kulħadd. Jekk fi ċkunitu Mario kien jilgħab bl-altari, din l-Imnarja twassallu t-tifsira vera ta' dan is-sagrifiċċju nisrani.

(8) *Metaforiku/allegoriku/analogu*. Hemm l-allegorija/metafora tal-qtil fuq ħafna livelli, fosthom, dak morali, spiritwali, psikoloġiku, u x'naf jien. Hemm l-allegorija tal-Maltin ħaġa waħda f'xi festi, mifrudin f'oħrajn, u f'okkażjonijiet oħra. L-Imnarja nnifisha hija l-allegorija ta' l-Istorja bħala fattur kostanti; fattur ta' kontinwità, u għalhekk l-għajn u, fl-istess waqt, ix-xempju għall-ftehim.

(9) *Femminista*. Il-femminiżmu ta' Roża huwa ċar u qawwi. Hi li tiqaflu lir-raġel (Peter) li għadu bl-idea li l-mara hija biss oġġett jew kreatura inferjuri. Iżda tagħha huwa wkoll tip ta' femminiżmu li lest sabiex jilqa' b'mogħdrija l-inkubi tar-raġel. Min-naħa ta' Ġulja, jekk darba kienet lesta li tkun is-serva, jew l-abbati, tal-"qassis il-kbir", Mario, issa hija hi stess li tipprova turih it-triq tal-ħaqq, u dan hi tagħmlu mingħajr ma titlef mill-femminilità tagħha.

## 2. Nistgħu d-drama tiegħek niddefinuha bħala "drama ta' kuntrasti?

Kif għedt kemm-il darba kien Oliver Friggieri li fis-Snin Sittin laqqamha hekk. U bir-raġun.

### IL-ĦADD FUQ IL-BEJT

Kuntrasti tal-klassi fis-soċjetà ta' attitudinijiet opposti lejn il-ħajja, ix-xalar ta' barra u d-drama impenjattiva li qiegħda sseħħ fuq il-bejt; kefrija u mħabba; fertilità u l-mara ħawlija; konservatiżmu u moderniżmu (progress); arti u filistiniżmu; raħal u belt, u l-valuri tagħhom: ħbiberija u ħabi, jekk mhux għal kollox qerq; aħwa kontra xulxin; tbaħrid djonisjan (il-festa) u spiritwalità; Malta l-qadima u dik ġdida; in-naħat pożittivi tat-tradizzjoni stabbilita, u l-modern.

### L-IMWARRBIN

L-imgħoddi u l-issa; dnubiet mistura u l-fidwa, wara t-tpattija u s-sogħba; ix-xjuħija u ż-żgħożija; min jiġġudika u min jiġi ġġudikat; l-imħabba f'xejriet opposti; tgawdija u delitt; delitt qadim u delitt ta' issa; Malta u l-barrani; l-insularità ta' Malta u dik tal-lukanda ta' Rafela, għalkemm it-tnejn insulari sa ċertu punt biss, u l-bqija.



**Xena minn**
***L-Imnarja Żmien il-Qtil.***
*(Bil-kortesija ta' Francis Ebejer)*

**L-IMNARJA ŻMIEN IL-QTIL**

Il-*playboy* u t-tfajla onesta; kuraġġ morali u ġufija psikika/morali; il-qattiela tal-fniek u l-qattiel tan-nies; qtil fiżiku, emottiv, morali; paganiżmu u Kristjaneżmu; l-inbid/id-demm tal-vittmi u d-demm tas-sagrifiċċju nisrani u dak pagan; tbahrid djonisjan u responsabbiltà; Malta l-qadima u dik ġdida, u x'naf jien.

**3. Kemm tagħdirhom int il-karattri tiegħek? Veru li taħt id-dehra tas-saħħa hemm l-għarfien tal-marda? Għala l-karattri tiegħek huma aktar morda milli ħżiena?**

Jien ma nafx kif wieħed jista' jaqbad jikkundanna 'l dak li jkun meta kulħadd jinsab fl-istess ilma ta' l-eżistenza, u meta ħadd m'hu perfett. Jien aktar nistħajjel lilna nfusna bħala vittmi taċ-ċirkostanzi li fihom inkunu twelidna, u li fihom qegħdin ngħixu (eredità personali u nazzjonali). Id-dinja mhux preġudizzji għandha bżonn imma l-imħabba. Fir-rieda tiegħu biss jista' bniedem jintgħażel minn ieħor, u kultant ikun iġġudikat. Iżda wkoll f'din il-ħaġa, min jista' jgħid kemm-il fattur ambjentali u ereditarju jkun qed jaħkem fuq ir-rieda ta' dak li jkun?

Jekk jien nikxef l-għawar tal-karattri fid-drammi, l-għan aħħari, biex ma ngħidx bażiku tiegħi m'huwiex biex jikkundannahom, imma biex forsi bil-proċess teatriku "ngħinhom" xi ftit ħalli jiġġeddu. Attitudini li tidher ukoll fir-rumanzi tiegħi.

Ħadd m'hu għal kollox abjad jew iswed. Jien jidhirli li meta kittieb jaqbad din il-linja riġida, u li xejn ma taqbel mal-verità, ikun qed jixhed nuqqas serju ta' għarfien wiesa' tal-ħajja. Ikun waqa' fil-*cliché*. Juri immaġinazzjoni fqira u esperjenza limitata wisq, ħaġa li ma tistax ma tkattarx il-preġudizzju fil-qarrej jew l-udjenza. Biex ma nsejħilhiex ukoll difett fit-teknika artistika-letterarja.

**IL-ĦADD FUQ IL-BEJT.** Il-kefrija evidenti f'Rita hija, fil-qiegħnett ta' ruħha, frott ta' l-istess ultrasensittività tagħha. Jekk fl-ambitu soċjali tidher "mejta", fil-fatt hi mara ħajja sa l-aħħar, minħabba l-istess passjonijiet umani li qegħdin itertquha. Jiġifieri Rita minn xi *zombie*, kreatura mejta-ħajja. Għallinqas qiegħda *tħoss*, u b'hekk mhux teżisti biss qiegħda imma *tgħix* ukoll. Jekk Paul kien beda jittraskuraha bħala mara (kif takkużah hi stess fit-II Att), lanqas m'hu ta' min jikkundannah sa l-aħħar meta nafu li ċ-ċirkostanzi ta' ħajtu tefgħuh f'ambjent ta' tentazzjonijiet materjalistiċi. Inqas u inqas nikkundannaw lil Marion, l-ewwelnett, għax għadha żagħżugħa wisq, u t-tieni, u l-aqwa raġuni, għax hi turi l-ħin kollu li l-affarijiet qiegħda tipprova "tifhimhom aħjar". Jiġifieri għandha rieda pożittiva.

**L-IMWARRBIN.** Il-fatt stess, hu kemm hu minimalista, li dawn in-nies qegħdin jistaħbew minn ħtijiethom, jurina li l-ħtija huma qegħdin jaċċettawha, ukoll jekk privatament Jafu li huma ħatja, u dan ġà hu pass validu lejn il-fidwa. Andre u Casta ma jagħmlu xejn ħlief "igħinuhom" joħorġu ħtijiethom fil-miftuħ u b'hekk jittraxxendu parti minn dnubiethom li huma kienu ħallew mistura għal tant żmien.

Ta' min jagħder lil Jean għax hi għamlet dak li għamlet f'isem l-imħabba (*"All's fair in love and war"*?) Id-dramm għandu jagħti ħjiel ta' kif il-ġibda tagħha lejn missier Andre u Casta ma kinitx xi ħaġa sesswali biss u li tgħaddi malajr. Ta' min jagħder lil Mark u 'l Emanwel għax dawn baqgħu jħossu t-tingiża tal-kuxjenza. Ir-riħ, il-bibien isabbtu, il-friefet-il-lejl, it-telefon, l-eżatezza fil-ħin għall-bajd mgħolli, dawn huma kollha l-espressjoni ta' barra, imqar jekk f'sens ta' aljenazzjoni, tal-kuxjenza tagħhom; huma l-ħabbara ta' dak kollu minn xiex ikollhom igħaddu aktar 'il quddiem sabiex ipattu u jissaffew.

Iktar u iktar m'humiex ta' min jikkundannahom sa l-aħħar – dan ma jfissirx li għandna nfaħħru jew inġerrgħu egħmilhom – għax Emanwel kien taħt l-influwenza ta' martu, mara rgħiba wisq għall-flus, u milli jidher ta' personalità ferm aktar qawwija minn tiegħu; u għax Mark kien waqa' wkoll f'ċiklu vizzjuż simili taħt l-influwenza ta' mart ħuh. Fil-każ ta' Rafela, hemm id-dilemma klassika tal-mara moderna: karriera jew familja u ulied? Liema hi t-triq tan-nofs li hi mank biss waqfet biex tara ssibhiex?

Liża biss qisha 'l fuq minn kull ħsieb ta' kundanna. Ir-rieda tagħha ma tfallilha qatt.

**L-IMNARJA ŻMIEN IL-QTIL.** Jekk Mario jidher li hu żagħżugħ bla sinsla u nieqes minn kull sens ta' responsabbiltà, fl-aħħar tad-dramm hemm sinjal li se' jinbidel għall-aħjar. U jekk, għall-ewwel, Peter m'hux wisq ta' min jaħmlu, xorta m'hux ta' min jikkundannah, iżda ta' min jagħdru, għax hu prodott ta' ambjent familjari fejn il-flus u l-fsied huma kollox, u fejn iddottrinawh biex jaħseb li hu xi ħaġa maqtugħa mill-bqija tal-Maltin – ħlief li jista' jagħmel li jrid bihom! Iżda hu wkoll jaqbad triq fejjieda.

Lil Ġulja ta' min jagħdirha għax m'għallmuhiex, jew inkella qatt qabel issa ma kellha ċ-ċans li titgħallem. Forsi Roża hi l-inqas li tinħtiġilha l-mogħdrija għax hi ġà qawwija fiha nfisha, u l-ġlieda tal-ħajja taf tiġġilidha weħidha. Forsi wieħed jagħdirha xi ftit għax damet wisq qabel ma ndunat li mhux kulħadd qawwi u sod daqsha u, għalhekk, l-ewwel kompromessa jew pass lejn il-ftehim, kellu jiġi minnha, kif fil-fatt isir.

Il-biċċa l-kbira tal-karattri fit-tliet drammi huma nies intelliġenti. Għalhekk ma jistax wieħed igħid li ma jafux, ftit jew wisq, x'inhi l-marda tagħhom. Uħud minnhom jaċċettawha mill-ewwel; oħrajn jiġġildulha, jew inkella jagħmlu tabirruħhom li ma teżistix. Iżda sa minn qabel it-tmiem kollha jkunu aċċettawha, għarfuha. Fl-għarfien tal-marda hemm il-bidu tal-fejqan, għallinqas dak psikiku.

Jiġifieri huma aktar morda milli ħżiena. Kieku ħżiena għal kollox, kieku ma jaqgħux fis-sogħba u għat-tingiż tal-kuxjenza u, inqas u inqas, għall-awto-analiżi. U lanqas ma joqogħdu jippruvaw jifhmu lil ħaddieħor: bħalma tipprova tagħmel Jean lil Liża li fiha tara lilha nfisha meta kienet aktar innoċenti; bħal meta wkoll, fl-eqqel tal-kriżi antagonista tagħha, Rita tipprova tikkonvinċi ruħha li xorta għadha tħobbu lil żewġha Paul, imqar jekk biss bħala ħuha; jew inkella meta Peter jibqa' msaħħar bid-dehra ta' "l-omm Maltija" f'Roża.

Mela l-marda tagħhom m'hix marda terminali, waħda li m'hemmx tama għaliha. L-eżistenza mhux biżżejjed li *tħossha*, imma ta' min *jifhimha* wkoll, biex tkun tista' tgħid li int qed *tgħix* verament. Il-marda tagħhom hija waħda li tħaddan fiha t-terapija u l-fejqan tagħha stess.

**4. Xi tfisser in-Natura għalik? Għaliex hija l-għajn tas-safa u l-innoċenza, u fl-istess ħin il-post tat-tisfija?**

Għalija tfisser l-għajn ta' kollox, u għalhekk fiha tinsab is-salvazzjoni, kemm dik immedjata u aħħarija, tal-bniedem. Isir kemm isir progress materjali – u dan huwa meħtieġ wkoll għax il-ħajja hi dinamika, tinħtieġ bidla kontinwa, jekk jista' jkun, dejjem għall-aħjar – in-Natura m'għandniex inwarrbuha fil-ġenb, inqas u inqas inżebilħuha. Nieħdu minnha, nisfruttawha, iva, imma dejjem razzjonalment, bir-rispett u s-sensittività li jixirqilha. Għax għandna ndardru l-għajn minn fejn nixorbu? Biss biss naraw x'qegħdin nagħmlu bl-atomu, maħluq oriġinarjament biex jibni u jseddaq l-iskala ta' l-evoluzzjoni, u mhux biex jeqred!

Dawk il-ħwejjeġ hekk imsejħin *inanimi* (kelma li qatt ma daqqitli meta niftakar fil-preżenza t'Alla "f'kollox u kullimkien") bħalma huma l-blat u l-muntanji, ix-xmajjar, il-baħar, l-imsaġar eċċ., jien dejjem qisthom bħala "ħajjin". Nammetti li dan huwa speċi ta' panteiżmu, iżda, fil-każ tiegħi, wieħed kristjan, għax nemmen fit-traxxendenza spiritwali nisranija.

Fil-każ partikolari tan-Natura Maltija nħossha tiġbor ukoll ġo fiha l-kontinwità fl-eżistenza ta' niesna mill-qedemnett: il-wied misterjuż f'*L-Imwarrbin*; il-Buskett f'*L-Imnarja*, il-baħar u l-panorama ta' San Ġiljan f'*Il-Ħadd Fuq Il-Bejt* (cf. x'tgħid in-Nanna fuq il-veduta Mellieħija f'*Meta Morna Tal-Mellieħa*; in-Natura Maltija fit-tielet rumanz bl-Ingliż

tiegħi *In The Eye Of The Sun* (1964) fejn, kif ngħid fid-dedika, *"the land is real"*).

In-natura għandha ċ-ċikli stabbiliti tagħha, ir-ritmu tagħha ta' dak ta' Min ħalaqha, ma' l-univers kollu. Il-bniedem li huwa parti min-natura – suppost l-aqwa rappreżentant tagħha – spiss jiżgarra, joħroġ mil-linja, jew jaqbad xi żifna oħra għal kollox artifiċjali: u dan minkejja, u kultant *minħabba*, l-intelliġenza tiegħu stess! Jitbiegħed miċ-ċiklu naturali, u jaqbad arrogantament orbita għalih; jitbiegħed minn egħruqu.

Fl-istess ħin (kuntrasti!) m'hux kollox ward u żahar. Hemm is-serp f'Eden. Waqt li twarrad u ssebbaħ, in-Natura thedded u teqred ukoll. Imma mingħajr ħlija u għelt kif nistgħu nifhmu u nġarrbu l-innoċenza, it-tisfija, il-fidwa?

Fl-istess natura sabiħa ta' l-Imnarja, għaddejja l-qerda. Fil-post idilliku ta' Rafela hemm it-theddid ta' l-imgħoddi għall-imwarrbin, id-dellijiet ta' dnubiet antiki u mistura. Filwaqt li kollox hu sabiħ u jixxemmex *f'Il-Ħadd Fuq il-Bejt*, hemm il-kefrija u l-intolleranza fost il-bnedmin. *"The sun shone/The acacia bloomed/And the slaughterer slaughtered."*

Kuntrasti... Il-fidwa tal-bniedem mill-qerda, jew mit-telfa, kemm dik personali u dik totali, qiegħda hemm taħt imneħirna: id-drammi jagħtu idea ta' kif wieħed jista' jasal biex forsi fl-aħħar jinduna biha. Kemm fir-reliġjonijiet pagani kif ukoll f'dawk oħrajn, bħall-Kristjaneżmu, elementi naturali jagħmlu sehem sew mir-ritwal tagħna: mill-għenba, l-inbid tas-sagrifiċċju; l-ilma tat-tindif, tal-magħmudija; in-nar li jaħraq u jnaddaf (cf. it-II Att Xena 11 "id-divertiment" f'*l-Imwarrbin*).

F'kull kunflitt jew taqbida li sseħħ fin-natura (taqbida sħiħa ta' elementi kimiċi fil-ħamrija qabel ma tfiġġ is-siġra), inkluża dik umana, hemm ix-xenqa għat-twelid, għat-tiġdid u t-tisfija, l-innoċenza tal-bidunett.

L-iskeletru stess li hemm ġo fina jibda, minn malli nitwieldu u jkompli tul ħajjitna, jitħabat biex jerġa' joħroġ ħalli jikseb l-innoċenza u s-safa tiegħu ta' darba. Ħaġa li invarjabbilment jirnexxilu jagħmilha meta, permezz tal-mewt, jitnażża', jew jinħeles, mil-laħam u d-demm korrott ta' ġisimna!

Fin-natura stess ta' Rita hemm twelid mill-ġdid jistenna li jitwettaq minn qalb ħafna dubji u biża' u korla u attitudnijiet miżantropiċi. L-istess Paul, għalkemm dan il-bilanċ, ritmu, naturali ma tilfux għal kollox. F'Marion, egħruqha ta' Maltija li hi qegħdin jistennewha, bl-għarfien ġdid tagħha, fir-raħal ta' Paul. Fl-iskavi Rumani ta' *L-Imwarrbin*, fejn, skond Andre u oħtu Casta, kien sar id-delitt, hemm biċċa mir-ritmu naturali li, ironikament, għad iwassal għall-fidwa tan-nies l-oħra tad-dramm. Fil-lejl imdemmi ta' l-Imnarja, hemm lesta biex tfiġġ u tikber u titkattar ix-xitla ta' ħajja aktar bilanċjata.

Fi ftit kliem, il-karattri qegħdin ifittxu biex isibu dak ir-ritmu ta' eżistenza umana id f'id ma' dak tan-Natura li ssaffi u ġġedded. F'kull dramm, in-Natura qiegħda hemm bħala metafora jew xbiha tal-moħħ u s-subkonxju tal-bniedem, bix-xewqat u l-inkubi kollha ta' ġo fihom.

## 5. Għala tħaddimha daqshekk l-ironija fid-drammi tiegħek?

Bħala turija ta' l-inkongruwi ta' l-istrambizza, tal-ħajja nfisha. Nistħajjel l-ironija kienet fija mas-sens li dejjem kelli ta' kuntrasti. Mal-kuntrasti, l-ironija. Bħalma għedt iktar 'il fuq, waqt li n-Natura ssebbaħ, qiegħda, ironikament, teqred ukoll: kuntrast ironiku li jien naċċetta għal kollox bħalma naċċetta r-ritmu naturali fit-tlugħ u l-inżul tiegħu.

Hemm l-ironija f'Rita li tixtieq l-ulied, imbagħad tispiċċa biex "twelled" lilha nfisha bħala mara Maltija ġdida – it-tarbija ta' llum hija l-mara ta' għada. L-ironija ta' Peter li mad-daqqa t'għajn jidher bniedem żieni u ħali, imma li fl-essenza tiegħu jinsabu sentimenti sbieħ. Fl-istess fanatiżmu 'konċentriku tagħha, Rita għandha qalb li taf tħobb u tilqa' d-difetti ta' ħaddieħor.

Hemm l-ironija ta' dawk li jixtiequ jinsew jew jaħbu l-passat tagħhom; imma mbagħad mhux biss jiftakruh imma jerġgħu jgħixuh, għalkemm it-tieni darba bl-għan ta' tisfija (*L-Imwarrbin*). Andre u Casta jiġu biex ipattu u jikkundannaw u jikkastigaw, u minflok, jifthu għajnejn l-oħrajn, qabel ma jkun tard wisq għalihom – bħalma fil-fatt ġara lill-karattri ta' l-ewwel dramm għall-palk li ktibt, *Vaganzi Tas-Sajf* (1962).

Jekk minħabba l-ħajja interjuri tagħna (l-ikbar qasam tal-veri aħna), aħna taħlita ta' kumplessi, wieħed jinfilsa fl-ieħor f'sensiela infinita, bilfors li din tiġi riflessa f'egħmilna ta' barra. Kull ma jagħmlu u jgħidu l-karattri huwa s-simbolu ta' parti ta' kif inhuma minn ġewwa, bil-kontradizzjonijiet tagħhom. U bejn il-kuntrasti serji u dawk "assurdi", l-ironija hi waħda mill-għodod li jrawmu s-simbjożi, jew ir-rikonċiljazzjoni u għaqda bejn opposti.

Iktar eżempji: hi ironika li Peter jitla' l-Imnarja bi ħsieb wieħed – li jisseduċi lil Ġulja – imbagħad jispiċċa bies jisseduċi lilu nnifsu u jwelled lill-veru *hu*, jew għallinqas Peter aħjar. Ironika li Mario jtajjar mara bil-karrozza u jibqa' għaddej, u b'saħħet dak id-demm innoċenti, "jitgħammed" mill-ġdid. Hemm l-ironija f'Marion meta teħodha qatta bla ħabel kontra l-kbar – ħalli jekk mhux kontra Paul – u fl-aħħar tibda taħsibha aktar bħalhom, jew, idealment, kif suppost il-kbar għandhom jaħsbu. Ironika li l-imwarrbin mhux biss isibu rwieħhom wiċċ imb'wiċċ ma' l-imgħoddi, imma jerġgħu jsiru parti minnu, imma din id-darba bl-għan ta' tiġdid – b'hekk, il-ġejjieni, u s-sehem tagħhom fih, jibdew jagħrfuh aħjar. Jiġifieri, l-ironija m'hix ta' min jeħodha bħala xi element stilistiku maqtugħ għalih. Biha wieħed jista' jfiehem aħjar l-kuntrasti tal-ħajja. Permezz ta' l-ironija fil-kuntrasti tinħoloq sinteżi jew simbjożi. Is-sinteżi, bħall-*amoeba*, terġa' tinqasam f'kuntrasti oħrajn, kuntrasti u sinteżi... infinitament. Ironikament.

## TWEĠIBA MUDELL

# ĠORĠ PISANI

### Sessjoni NOV – DIĊ 1985

*L-imħabba u ż-żgħożija huma importanti fil-poeżija ta' Pisani. Iddiskuti.*

1. Il-qalb, is-simbolu romantiku tal-passjonijiet, tibqa' l-għajn romantika għal Pisani. Jissublimi t-tifsira tal-Poeżija bħala r-rivelazzjoni intima tal-qalb. Il-poeżiji ta' l-antoloġija jitqiesu minn Pisani bħala rikostruzzjoni estetika tal-ġrajjiet awtobijografiċi. Il-ħajja interjuri u personali tinħass mhedda mill-kriżijiet.
2. Fil-poeżija ta' Pisani ftit tidher id-dinja ta' ġewwa, kontra d-dinja ta' barra li, b'referenza speċjali għal Malta, tħares lejn ġens sħiħ. Ftit wisq huma l-waqtiet meta jinsa din l-ispirazzjoni patrijottika glorjuża. Għalhekk, ftit tidher il-kuxjenza mħabbla tiegħu.
3. Fil-poeżija hemm allużjonijiet għall-imħabba li jifhimhom Pisani biss (ara, *Lil Palma Xiħa*, p. 15, vv. 37–40, *Aprilia*, p. 13, vv. 35–6, *Pars Mea*, p. 30, vv. 30–31, *Tliet Għannejja*, p. 41, vv. 9–12, *Triqat Mitlufa*, pp. 67–8, *Bla Rażan*, p. 81, vv. 9–14).
4. Il-poeżija tiegħu hija frott it-tbatija (ara, *Tliet Għannejja*, p. 41, vv. 10, 12), ta' l-anqas fil-waqtiet tal-bidu tagħha tkun imdawra bil-malinkonija (ara, *Lil Palma Xiħa*, p. 15, vv. 45–7). Hija frott id-disperazzjoni u frott id-dwejjaq (ara, *Aprilia*, p. 13, vv. 35–6, *Pars Mea*, p. 30, vv. 30–1).
5. Pisani għandu għadd ta' poeżiji fuq l-imħabba u l-ewwel esperjenzi tagħha, fuq il-kriżijiet taż-żgħożija u fil-każ tiegħu li tefa' wara spallejh il-vokazzjoni reliġjuża, insibu kriżijiet u tifkiriet tal-bidla mill-kunvent għall-ħajja sekulari. Skond Ġużè Aquilina, dawn jaħbtu l-aħjar poeżiji ta' Pisani.
6. Pisani huwa riservat u magħluq wisq fil-mottivi tiegħu. Il-kriżijiet kemm kemm imisshom u qajla jinstabu ħsibijiet profondi. *Taħt Siġra taċ-Ċipress*, (p. 17) turi lill-poeta kuntent bil-vokazzjoni reliġjuża tiegħu.

□ **JISSOKTA WARA**



## TWEĠIBA MUDELL DWAR
# ĠORĠ PISANI



**L-imħabba hija waħda mit-toroq ta' l-evażjoni li jagħżel il-poeta.**

7. Fil-poeżiji "ta' barra l-kunvent" tiddomina qawwija ħafna n-nota ta' swied il-qalb, tas-skiet kiefer, tad-diżullużjoni, tas-sens tal-ħtija, tax-xewqa li jinża' mill-umanità li hu biċċa minnha, ta' l-istmerrija morbida lejn is-soċjetà (ara, *Pax Ultima*, p. 12, *Bla Rażan*, p. 81, *Bla Tama*, p. 82).
8. L-imħabba hija waħda mit-toroq ta' l-evażjoni. Skond il-poeżija *Ħelsien* (1934) Pisani jħoss il-glorifikazzjoni ta' l-imħabba l-ġdida misjuba għall-ewwel darba (ara, p. 70).
9. Daqshekk ieħor qawwi huwa t-ton ta' falliment fl-imħabba (*Kelma Nassiesa*, p. 27). Xi ħadd seraqlu lill-maħbuba tiegħu darba għal dejjem u llum li jiftakar fiha jaraha miżżewġa b'tarbija, u għalhekk kisret il-ħalfa li għamlitlu xi darba (ara, *Għanja Moħbija*, p. 31, *Lwien*, p. 66, *Għaliex*, p. 61, *Triqat Mitlufa*, p. 67).
10. Il-poeta jaħrab fl-imgħoddi biex jissodisfa l-bżonn ta' l-imħabba. Ħarstu jitfagħha fuq mara reali u/jew ideali frott il-fantasija. Jitħassar lilu nnifsu u jxerred id-dmugħ fuq ispirazzjonijiet awtobijografiċi.
11. Id-djalogu għaddej il-ħin kollu man-natura li tieħu l-ħajja u tissodisfah. Jitkellem mal-fjuri (*Jum il-Ward*, p. 9), mas-siġar (*Lil Palma Xiħa*, p. 14, *Taħt Siġra taċ-Ċipress*, p. 17), max-xhur tas-sena (*Aprilia*, ma' l-agħsafar bħall-kanarin (*Għasfur Ċkejken*, pp. 22, 23, *Lill-Kanarin Tiegħi*, p. 42).
12. Il-poeżija *Il-Għid taż-Żgħożija*, li biha tiftaħ l-antoloġija, hi l-aktar waħda li tiċċelebra l-isfida taż-żgħożija. Għal trattament sħiħ ta' din il-poeżija importanti, kif ukoll għall-influwenzi kbar li kellu fuqu Pisani mill-Futuriżmu u minn Giosue Carducci ara *"Il-Għid taż-Żgħożija" ta' Ġorġ Pisani*, Noti għall-Istudenti tal-Matrikola, maħruġa mill-P.E.G., pp. 42–48.

**ĠORĠ MIFSUD**

# LELI TA' ĦAŻ-ŻGĦIR
## XI ASPETTI TAR-RUMANZ (2): IL-PSIKOLOĠIŻMU

**Ir-rumanz *Leli ta' Ħaż-Żgħir* (1938) tant fih deskrizzjonijiet ta' l-ambjent Malti raħli, daqqa mimli kundizzjonijiet soċjali mill-agħar (pp. 18–9, 45–9, 67–8, 100, 116–8, 124–7, 150–3) u daqqa mimli ħlewwa tradizzjonali (pp. 88–90, 141–2, 199), li l-qarrej jista' ma japprezzax l-aspett psikoloġiku tiegħu. Fil-psikoloġija jidher il kapolavur ta' Ġużè Ellul Mercer: ried joħloq protagonista f'Leli li josserva lil Malta magħluqa miġbura fil-mikrokożmu ta' Ħaż-Żgħir, jikkritikaha, jistħarriġha tant li fl-aħħar jasal biex jiċħadha. Ried isib min hu r-raħal, u meta l-firda sseħħ jasal biex isib lilu nnifsu bid-dgħajjef tiegħu kollu.**

Leli l-ħin kollu qiegħed jiddiskuti fih innifsu. Hu differenti mill-oħrajn li ma jafux jiddiskutu, lanqas jekk iridu għax ma jifhmux. Il-kuntrast bażiku qiegħed bejn ir-raħal wieqaf, jew kif jistqarr il-kittieb "Ħaż-Żgħir...kont tistħajlu għadu rieqed f'ħoġor iż-żminijiet aktar ħiemda" (p. 106), u l-protagonista li jħewden il-ħin kollu u li "lanqas fl-irqad ma għandu sabar" (p. 8). Ellul Mercer jistħarreġ il-kuxjenza ta' Leli imma l-protagonista jbati u jitkisser fih innifsu għax m'hu kapaċi jsib tarf la tad-dinja ta' barra, Ħaż-Żgħir, u lanqas ta' moħħu, id-dinja ta' ġewwa. Jibża' mill-konklużjonijiet u r-rumanz jiżviluppa l-ħin kollu f'għamla ta' djarju intimu: filli jimxi 'l quddiem bl-għerf li qed jikseb mill-kotba imma fl-istess jimxi lura għax l-għerf qed jeqridlu l-paċi tal-qalb imnissla mill-injuranza.

Il-problema tal-ħażen tkidd wisq lill-moħħ ta' Leli. Hemm *il-ħażen fis-soċjetà* fl-istruttura soċjali tagħha u *l-ħażen reliġjuż* fil-prattika ipokrita tal-ħajja nisranija meta titqabbel ma' l-ideal evanġeliku. Anzi l-inġustizzja soċjali tixhed kemm l-insara taparsi qed jiċħdu 'l Alla fil-ħajja ta' kuljum. Dun Karm jidher bħala l-qassis ideali li jikkritika din l-ipokrisija fil-ħajja morali u soċjali, għalkemm Leli wkoll iħoss li għandu jikkritikaha.

Is-soluzzjoni, skond Ellul Mercer, tinsab fit-tagħlim. Fil-kilba tiegħu għat-tagħlim Leli jidher li qed iċarrat il-ħin kollu minn moħħu ċ-ċertezza u l-kuntentizza ta' min igħix kuntent għax ma jaf xejn. Aktar ma jikber l-għerf fil-moħħ ta' Leli aktar ikiddu d-dubju. U għalhekk, għalkemm il-qassis jippreżenta l-ideali nsara, ikun Leli li jilqa' l-isfida ta' l-għerf fil-"waħx" (p. 73) tiegħu kollu fuq spallejh, anki meta s-Sur Kelin kien diġà wissieh: "...il-ftit li fhimt kien biżżejjed biex ħallieni b'ħalqi miftuħ u b'rasi mqallba" (*ibid.*) Kien għalhekk imbagħad li l-kotba li beda jaqra "ma setgħu jwassluh imkien għajr f'beraħ bla qies li jnikket il-qalb, li jisraq serħan ir-ras, li jaqleb il-moħħ, li jmarrar, li jxejjaħ u bosta drabi jasal saħansitra biex jeqred qabel il-waqt ħajjet il-bniedem..." (p. 77)

Hawn li jinħoloq id-dubju kbir fil-fidi. Ir-rumanz irid ilaqqa' wiċċ imb'wiċċ il-problema ta' l-għerf u l-problema tal-fidi, jiġifieri, kemm jista' wieħed jibqa' jemmen quddiem l-għerf filosofiku li ħafna drabi jiċħad lil Alla jekk l-injurant igħix kuntent fil-fidi tiegħu u ma jaqrax? Il-parabbola ta' l-Għar, skond Platone tiżviluppa b'mod simboliku din il-qagħda li kien għaddej minnha Leli: huwa "l-qalbieni" li "jiftillu jdur, jixref, u jħares fid-dawl ta' barra...u jibqa' sakemm joħroġ minnu nnifsu bid-dawl li jara" (p. 72). F'din l-avventura intellettwali Leli jirribella u maż-żmien in-nies iqisuh bħala miġnun. Bħala anti-eroj ma jistax jaqbel ma' l-ambjent aljenat li ma jaħsibx. Għalhekk, l-għar mudlam ta' l-allegorija jirrappreżenta l-injoranza tal-moħħ u l-iżolament ta' Ħaż-Żgħir jew ta' Malta.



**Ellul Mercer u Ġużè Galea**
*(Bil-kortesija ta' Ġ. Cassar Pullicino)*

L-influwenza tal-kittieb Russu Dostoievski fuq Ellul Mercer tinħass fl-aqwa tagħha, l-aktar mir-rumanz tiegħu *L-Aħwa Karamazov* (1880): bejn iż-żewġ rumanzi hemm xebh kbir daqskemm hemm differenzi kbar ukoll. Madankollu, l-influwenza qawwija dwar it-tfittxija ta' Alla fil-moħħ ta' l-intellettwali taħkem fuq kollox. Imma d-dubju jkiddu wisq u għalhekk Leli jibża', bħall-awtur, u joqgħod lura milli jiddiskuti, għax billi jemmen, ma jridx jaqa' fl-ateiżmu. B'daqshekk, xorta jibqa' 'l fuq mill-oħrajn minħabba l-għerf tiegħu, anki jekk fih bħala l-protagonista hemm bidla morali u fiżika għax mill-intelliġenti jaqa' biex isir raġel imħawwad wara li kellu x'jaqsam ma' Klara.

Max-xejra djaristika tar-rumanz tolqot ħafna l-ambjentazzjoni psikoloġika. Il-kriżi li għaddej minnha Ħaż-Żgħir hija biċċa mill-kriżi fir-ruħ ta' Leli. Hu jħares lejn l-ambjent skond il-kriżi ta' ġo fih. Għalhekk, minkejja l-bosta elementi pajsaġġistiċi u folkloristiċi li hawn fir-rumaz, Ellul Mercer xorta jaġġorna l-kitba tar-rumanz Malti mill-aspett psikoloġiku meta jistħarreġ id-dinja ġewwiena tal-protagonista tiegħu.

**ĠORĠ MIFSUD**

# NOTI DWAR "IL-GĦID TAŻ-ŻGĦOŻIJA"

GĦALIEX IL-POETA SEMMA DIN L-ANTOLOĠIJA, "Il-Għid taż-Żgħożija"? Wieħed irid iżomm f'moħħu meta nkitbet din il-poeżija. Inkitbet wara li Pisani spiċċatlu l-vokazzjoni u ħareġ mill-kunvent, u sab ruħu ħieles mir-restrizzjonijiet u d-dixxiplina tal-ħajja monastika, fejn x'aktarx li kien iħoss li t-temperament tiegħu ma kienx addattat għal dan it-tip ta' ħajja. Din il-poeżija hija innu liż-żgħożija ħielsa mimlija ħajja, enerġija u vitalità. Iż-żagħżugħ fil-kapaċità u fl-ewforja tal-ħajja jħoss dik is-setgħa li timbuttah biex igħix u mhux biss biex jeżisti. Iż-żagħżugħ m'hux maħluq biex ixekkel dik l-enerġija naturali li tiġi maż-żgħożija, iżda biex jobdi l-impulsi u l-kmandi tan-natura u jgħix fit tifsiriet kollha tal kelma.

**Nixorbu lkoll mitlufa**
**Ġo ħolma ta' tgawdija,**
**Qabel ma tgħib għal dejjem**
**Ix-xrara taż-żgħożija.**

Qabbel din il-poeżija mar-*Rubajjat* ta' Omar Khayyam ta' Najshapur u l-"Carpe Diem" tar-Rumani.

Fil-poeżija "Il-Għid taż-Żgħożija", Pisani qiegħed jistieden liż-żgħażagħ kollha biex igawdu żgħożithom waqt li għadhom jistgħu jgawduha.

Qabel ma nkitbet din il-poeżija, Pisani kien għadu jgħix f'soċjetà tradizzjonali fejn żagħżugħ kien miftum minn kull tagħlim, jagħmel dak li kien jagħmel missieru mingħajr lanqas biss jiġi f'moħħu li kellu l-possibbiltà li jkun konxju jew li jagħraf lilu nnifsu u d-dinja ta' madwaru. L-aktar li kien jaf kienet l-edukazzjoni ta' kif imut. Qabbel ma' *Elegy Written in a Country Churchyard* ta' Thomas Gray.

**And many a holy text around she strews,**
**that teach the rustic moralist to die.**

Kienet l-idea tal-mewt li kienet tidħol f'kull ħsieb tal-bniedem għax il-filosofija fondamentali kienet din:

**Dil-ħajja m'hix importanti iżda l-oħra li tiġi wara l-mewt li tabilħaqq tiswa, għax dik għal dejjem u din m'hi xejn ħlief preparazzjoni għaliha.**

"Il-Għid taż-Żgħożija" hi, biex ngħid hekk, ribelljoni kontra dan il-kunċett għax wieħed jista' jgawdi żgħożitu b'mod onest bla ma jipperikola l-ħajja ta' dejjem. Ġorġ Pisani jagħraf il-qawwa taż-żgħożija u jassoċċjaha maż-żmien modern tar-rebħiet xjentifiċi, bħalma huma l-komunikazzjonijiet u t-telekomunikazzjonijiet (ir-radju u l-ajruplan) li jmorru kontra l-għanqbut u d-dħaħen ta' l-injoranza taż-żmien ta' qabel. Jagħraf ukoll li d-dinja hi taż-żgħażagħ mimlija ħajja u mhux tax-xjuħ immuffati b'ideat antikwati u żbaljati għax fis-soċjetà tradizzjonali l-poteri kollha kienu f'idejn l-anzjani u mhux f'idejn iż-żgħażagħ. Pisani jħeġġeġ liż-żgħażagħ biex jagħrfu l-potenzjalijiet tagħhom, għax kif qal Dante, "Fosti non fatti per viver come bruti ma per seguire, virtute e conoscenze." (Kant Numru 27 ta' l-Infern meta jiltaqa' ma' Ulisse).

F'din il-poeżija naraw l-umaniżmu ta' Pisani li jidher illi kien qiegħed jesprimi l-mentalità taż-żgħażagħ ta' żmienu. Għalhekk fi żmienu, Pisani kien poeta popolari ħafna maż-żgħażagħ.

## IL-POETA TA' L-ISTORJA

L-Istorja u l-patrijottiżmu huma żewġ elementi fondamentali tar-Romantiċi. L-istorjografija ta' Pisani maqsuma f'żewġ taqsimiet prinċipali:

1) Il-*preistorja* fejn Pisani jibbrilla f'poeżija tal-qedem. Hawn juri kemm hu poeta ta' immaġinazzjoni qawwija u kemm hu tassew poeta pittur li bi ftit daqqiet ta' pinzell jiddeskrivilek ċerimonja ritwali preistorika. Il-kawżi ta' din iċ-ċerimonja huma l-patrijottiżmu u r-reliġjon (ara *F'Ħaġar Qim* u *Il-Ġgantija t'Għawdex*).

2) Il-fil storjografu l-ieħor huwa l-Istorja kontemporanea fejn jinterpreta b'mod poetiku iżda uman il-ġrajjiet tal-biża' li kienu qed iseħħu quddiem għajnejn id-dinja qabel u matul it-Tieni Gwerra Dinjija. Ara, ngħidu aħna: *Il-Maskra tal-Gass, Fuq it-Telfa ta' l-Indipendenza ta' l-Awstrija, Il-Waqgħa ta' Tuneż u Biżerta, Fil-Laqgħa ta' Hitler u Mussolini f'Ruma, Racialism*.

Il-poeta jista' jissejjaħ l-istorjografu ta' żmienu għax fil-poeżija tiegħu jirreġistra burdata nazzjonali jew ta' għadd kbir ta' nies fl-epoka ta' żmienu. Fejn l-istorjografu professjonali jirreġistra l-fatti politiċi, il-poeta jirreġistra kif ħaduhom in-nies dawn il-fatti u l-influwenza tagħhom fuq il-massa. Ġorġ Pisani bniedem ta' sensibbiltà kbira mogħni bis-sengħa tal-kliem u fih innifsu poeta jirrifletti l-ħsus u s-sentimenti tan-nies, iżda jarahom b'għajn aktar klinika. Hekk, fil-poeżija *Fil-Laqgħa ta' Hitler u Mussolini f'Ruma* għalkemm jurina l-kwadru ta' ferħ ikbar tan-nies, jagħtina dehra żgħira ċara ta' dak li tabilħaqq in-nies iħossu f'qalbhom, jiġifieri l-biża' li għat-tieni darba d-dinja kellha tidħol fi gwerra jew f'banju ġdid ta' demm. Qabbel *Fuqhom titfa fjuri fjuri* ma'

**Paċi jew gwerra? Qed tistaqsi imbeżżgħa,**
**Id dinja tħares lejn id dittaturi.**

Pisani jara lil żmienu wkoll b'lenti kritika. Bħala poeta romantiku li fih hemm ukoll tendenzi umanistiċi, Pisani jobgħod il-gwerra (din hi



**Ġ. Pisani**

wkoll tema ta' ħafna Romantiċi); il-kritika ta' żmienu u l-istmerrija tal-gwerra jew il-preparazzjoni tagħha narawha fil-poeżija, *Il-Maskra tal-Gass*. Ftit qabel il-gwerra fl-1938, meta ċ-ċaqliqa tal-gwerra bdiet tinħass sewwa, il-gvern ta lil kulħadd maskra tal-gass u kien jorganizza tagħlim u taħriġ kontra l-bombi tal-gass. Dawn il-maskri kienu jintlibsu fir-ras, igħattu l-wiċċ u min jilbishom tant ma kienx jintgħaraf li l-bniedem kien jidher qisu bhima.

□ **JISSOKTA WARA**



**Mussolini qabel it-Tieni Gwerra.**

.................. Ix-xebh tagħtina
li jibdel il-wiċċ tagħna f'wiċċ ta' bhima

## IL-BURDATA TAŻ-ŻMINIJIET

Din il-burdata taż-żminijiet u anki l-kritika tagħha narawha wkoll fil-poeżija *Oh Roma Serva!* fejn Ruma, li darba kienet padruna tad-dinja issa tjassret taħt il-madmad tal-Faxxiżmu Mussolinjan. Qalb il-poeta tingħafas mat-tbatijiet tal-Lhud li tant soffrew taħt il-qilla ta' Hitler u l-poeta jistagħġeb kif dawn l-insara li jaduraw 'l Alla Lhudi għandhom daqshekk mibegħda u ħdura f'qalbhom kontra l-ġens Lhudi li minnu twieled il-Messija u li jadurawh l-Insara. Il-poeta jitnikket meta Mussolini, biex jikkopja 'l Hitler, keċċa lil-Lhud minn Ruma u jiftakar li kienu żewġ Lhud, Appostli ta' Kristu, Pietru u Pawlu, li kkonvertew lil Ruma għall-Kristjaneżmu, reliġjon imwaqqfa minn Kristu l-Lhudi. Din narawha fil-poeżija *Racialism*: jikkwota lil Cecil Browne u jgħid illi hi ħaġa stramba kif dawn iridu jogħġbu lil Alla Lhudi, imbagħad jobogħdu lil-Lhud. Il-kefrija tal-persekuzzjoni tal-Lhud tqanqal fil-poeta rabja ġusta, tant li minn qalbu toħroġ l-invettiva. Igħajjar lin-Nażiżmu:

**Ja mostru mingħajr qalb, qadim u xwejjaħ**
**Taż-Żmien tan-Nofs, liebes il-qmis bħal tagħna.**
(*In-Nażiżmu*, p. 78)

Filwaqt li Pisani jara l-Istorja kontemporanea b'nuċċali x'aktarx kritiku, lill-Istorja ta' Malta jaraha b'nuċċali romantiku u patrijottiku. Din m'hix eżatt l-Istorja kif nafuha aħna, iżda l-Preistorja u l-kultura tagħha kif narawha fil-fdalijiet li ħallewlna missirijietna, l-aktar fit-tempji megalitiċi preistoriċi f'Malta u Għawdex. Dan narawh f'poeżiji bħal *F'Ħaġar Qim*, *Il-Ġgantija t'Għawdex* u *Għar Dalam*.

Pisani m'huwiex il-poeta tal-Preistorja biss imma l-poeta ta' l-Istorja li tfakkar il-ġrajjiet glorjużi, bħalma huma l-Assedju l-Kbir, fil-poeżiji *Ir-Rebħa ta' Settembru*, *La Valette*, *Nelson*, *Quddiem il-Ġgant tal-Palazz*, *Taħt l-Arloġġ il-Qadim tal-Kastell t'Għawdex* u *Għnien is-Sultan*.

Pisani huwa poeta romantiku. Il-patrijottiżmu u l-ġrajja ta' art twelidu huma wħud mill-aqwa poeżiji mnebbha mill-ġrajja tagħha. Pisani huwa tabilħaqq l-istorjografu poetiku tal-Maltin għax fil-ktieb *Il-Għid taż-Żgħożija* nsibu bosta aspetti tal-ġrajja ta' Malta mill-Preistorja meta Malta kienet pont li jgħaqqad l-Ewropa ma' l-Afrika fiż-żmien Paleotiku sa żmienu meta kien qiegħed jikteb il-poeżiji miġbura, bħall-qagħda ta' l-Ewropa qabel it-Tieni Gwerra fil-poeżija *Fuq it-Telfa ta' l-Indipendenza ta' l-Awstrija* u mbagħad għall-qalba tal-gwerra stess fil-poeżija *Fil-Waqgħa ta' Tunes u Biżerta* nhar it-8 ta' Mejju, 1943.

Għajn oħra ta' ispirazzjoni fil-poeżija ta' Pisani qiegħda fil-gżejjer l-oħra ta' l-arċipierku Malti. Hekk għandna l-poeżiji fuq Kemmuna, Filfla u Għawdex pajjiżu. Għawdex jiffigura erba' darbiet fil-poeżiji *Għawdex* (p. 44), *Għawdex* (p. 53), *Ix-Xatt ta' Għawdex* (p. 75) u *San Girgor f'Għawdex* (p. 84). Il-poeta romantiku li twieled fuq gżira qisu għandu ġibda partikulari lejn art twelidu. Wieħed mill-elementi ewlenin tar-romantiċi huwa l-patrijottiżmu, imma donnu poeta li twieled fuq gżira ssiblu dik ix-xiħaġa jew dik il-ġibda ftit aktar mill-oħrajn. Dan nistgħu narawh f'poeta romantiku ieħor Malti, Ġan Anton Vassallo f'*Tifħira lil Malta*:

**Int sabiħa O Malta tagħna,**
**Mhux għax Malti nfaħħrek jien,**
**Issemmik id-dinja kollha,**
**Magħruf ġmielek kullimkien.**

Din l-imħabba kbira lejn il-gżira tat-twelid insibuha wkoll fil-poeta Taljan Ugo Foscolo, li għandu bosta elementi romantiċi, fil-poeżija *A Zacinto*.

Il-pern fundamentali komuni għal Foscolo, Vassallo u Pisani qiegħed fl-imħabba lejn il-gżira fejn twieldu għax din il-gżira għalihom għandha tifsira speċjali. Għal Foscolo Zante hija l-gżira fejn twieldet Venere, l-alla ta' l-imħabba. Aħna nafu, għalkemm fil-poeżija ta' Pisani ma tidhirx, li Għawdex kien il-post fejn kienet tgħammar Kalipso, ninfa Griega li żammet magħha għal seba' snin lil Ulisse.

### SHELLEY

Shelley (1792–1822) kien il-poeta l-aktar popolari taż-żgħożija Ingliża. Pisani hu wkoll il-poeta taż-żgħożija universali, iż-żgħożija ta' dejjem, l-aktar iż-żgħożija ta' żmienu. Pisani għandu ammirazzjoni kbira lejn Shelley, il-poeta Ingliż ħalla influwenza kbira fuqu u saħansitra qaliblu għall-Malti s-seba' poeżiji *Għanja*, *il-Filosofija ta' l-Imħabba*, *Fuq Vjola Midbiela*, *Tibdil (Mutability)*, *Illum Mhux Biżżejjed*, *L-Imgħoddi* u *Għanja ta' Mibegħda* (pp. 85–88).

Stephen Gwynn, f'*Masters of English Literature* igħid hekk fuq Shelley u Keats:

**Both are the chosen poets of youth. The youthful ferment of ideas finds in Shelley its loveliest expression... One may say that Shelley gave a visionary body to creatures of the mind even to principles.**

Dan nistgħu tabilħaqq ngħiduh għal Pisani.

### POETA TAT-TFAL

**Ġorġ Pisani huwa l-poeta tat-tfal ukoll u mhux taż-żgħażagħ biss. Il-kelma konnotattiva toħroġ minn qalbu u tesprimi s-seħer u l-immaġinazzjoni li tant għandhom it-tfal li nibdew nitilfuhom ftit ftit hekk kif nikbru u nsiru żgħażagħ.**

Fil-poeżiji tiegħu tat-tfal laħaq ħataf fi kwadri kameo s-seħer tat-tfulija. Poeżija mimlija assoċjazzjonijiet tat-tfulija hija *Il-Għanja tal-Friefet*. Mal-friefet is-soltu nassoċjaw ir-rebbiegħa, x'aktarx sħuna u mixtieqa wara l-kesħa tax-xitwa, l-egħlieqi u x-xagħri tal-kampanja fil-beraħ fejn jilagħbu t-tfal żgħar. Il-poeżija *Kewkba*, li tant għal tifel din il-kewkba tidher 'il bogħod u tant għandha seħer, tista' titqabbel ma' l-għanja popolari Ingliża *Twinkle Twinkle Little Star.*

*Twinkle twinkle little star,*
*How I wonder what you are*
*Up above the world so high,*
*Like a diamond in the sky.*

*Teptep teptep kewkba ċkejkna,*
*Teptep teptep fis-smewwiet;*
*Kemm int sbejħa tiddi waħdek*
*F'dik il-ħemda, f'dak is-skiet.*

Fil-poeżija tat-tfal hemm element ta' didattiċiżmu minħabba dik it-tagħlima siewja għall-ħajja jew għall-ġejjieni tat-tfal. Hekk fil-poeżija *Għas-Sultan Tagħna* hemm b'mod indirett ir-rispett lejn l-awtorità, f'*Il-Warda Maltija* hemm l-imħabba lejn art twelidna u f'*Il-Qamar* niftakru fit-tfal fqajrin inqas ixxurtjati minna. Fil-poeżija *Vjola* jgħallimna biex ma nkunux kburin, imma umli, fabbli u dħulin anki jekk aħna nies importanti. Fil-poeżija *Malta* hemm il-patrijottiżmu, il-ġieh u r-rispett lejn artna li tatna l-ħajja u din nistgħu norbtuha mal-poeżija *L-Ilsien Malti* u *Il-Bandiera Maltija*. Igħallimna nagħrfu li aħna Maltin biex naċċettaw lill-ilsien tagħna li jagħżilna minn popli oħra, biex nimxu u naġixxu u nkunu denji ta' pajjiżna u biex inħobbu lil Malta daqskemm inħobbu lil ommna. Għal tifel żgħir liema hi l-akbar imħabba jekk mhux għal ommu u ta' ommu?

**C. Darwin li jissemma fil-poeżija *Maskra tal-Gass***



# IX-XJENZA TAT-TRADUZZJONI

CARMEL BEZZINA

*TAQSIMA LI TAF TKUN GĦADMA IEBSA fl-eżami tal-Matrikola tal-Matli, sew fil-livell ordinarju kif ukoll f'dak avvanzat, hija t-taqsima tat-traduzzjoni. M'humiex ftit l-istudenti li, minkejja li jkunu ilhom jittraduċu mill-Ingliż għall-Matli, u bil-maqlub, sa mill-ewwel snin ta' l-iskola sekondarja, u minkejja li aħna l-Maltin b'xi mod insiru midħla tal-lingwa Ingliża sa minn età żgħira, xorta waħda ma jirnexxilhomx jipproduċu fl lsienhom silta mill-Ingliż li, filwaqt li tirriproduċi fedelment il-kontenut ta' l-oriġinal, ma tkunx nieqsa minn stil u idjoma lingwistikament aċċettabbli u letterarjament mirquma. Xi mkien jew ieħor fil-proċess tat-traduzzjoni, l-istudenti jeħlu, jew għax ma jifhmux is-sens globali tas-silta li tkun, jew għax ma jifhmux biżżejjed xi frażi jew oħra tas-silta, jew għax ma jkollhomx lessiku u idjoma vasti biżżejjed biex iroddu fi lsienhom il-messaġġ tal-kittieb oriġinali. Bosta studenti huma limitati ħafna mhux biss fl-ideat imma wkoll fl-espressjoni.*

*F'din il-kitba se' nipprova nagħti daqqa t'għajn ħafifa lejn il-proċess tat-traduzzjoni, b'riferenza speċjali għal dak li hu mistenni mill-istudent li jersaq għall-eżami tal-Matrikola.*

**X'INHIJA L-EWWELNETT TRADUZZJONI?** Fil-qofol tagħha, traduzzjoni timplika relazzjoni bejn żewġ ilsna, l-ilsien li minnu ssir traduzzjoni u l-ilsien li fih tkun se' ssir it-traduzzjoni. F'termini lingwistiċi, dawn insibuhom bħala l-lingwa tas-sors (LS), billi f'din il-lingwa jkun twassal għall-ewwel darba l-messaġġ tal-kittieb oriġinali, u l-lingwa target (LT) jew l-ilsien riċevitur, billi huwa l-ilsien li se' jirċievi l-messaġġ permezz tat-traduttur.[1] Mela x-xogħol tat-traduttur huwa li jifhem u jwassal il-messaġġ jew il-kontenut tal-lingwa tas-sors fil-lingwa target bl-aħjar mod possibbli u bl-inqas telfien mill-messaġġ tal-kittieb oriġinali.

### Kontenut vs Kelma

X'għandha tkun, għalhekk, l-ewwel prijorità tat-traduttur: il-kontenut (il-messaġġ) jew il-kelma (it-test)? Din hija waħda mill-problemi li jkollu jħabbat wiċċu magħhom kull traduttur. Jekk it-traduttur jintrabat ħafna mal-kelma tal-LS u jittraduċi b'mod litterali żżejjed, jiġrilu li jkollu jissagrifika ħafna mill-kontenut u jispiċċa biex jipproduċi traduzzjoni dgħajfa u fqira mill-aspett stilistiku u letterarju. Min-naħa l-oħra, jekk jikkonċentra biss fuq il-kontenut u jittraskura għal kollox kull aspett formali tal-LS jista' jieħu libertà żejda fit-traduzzjoni tiegħu b'mod li bilkemm tkun tista' ssejħilha traduzzjoni. Kważi kważi ma tibqax tingħaraf bħala xogħol il-kittieb oriġinali.

Fil-fatt, l-ideal qiegħed x'imkien fin-nofs bejn iż-żewġ estremi. F'ċerti testi huwa l-kontenut li jrid jingħata l-ewwel importanza, f'oħrajn l-istil għandu kemm jista' jkun jittiefes mill-inqas. Biex nieħdu eżempju mill-Bibbja, li huwa l-ktieb li nqaleb fl-akbar għadd ta' ilsna, insemmu d-Diskors tal-Muntanja (Matt. 5 – 7), li fih Ġesù Kristu jislet il-qalba tal-messaġġ tar-reliġjon nisranija. Naturalment, f'dan id-diskors il-qofol jinsab fil-kontenut tal-messaġġ ta' l-Imgħallem u għalhekk, bla dubju ta' xejn, il-messaġġ oriġinali jeħtieġ li jitwassal safi u bla mittiefes, mingħajr l-iċken dell ta' ambigwità, f'kull traduzzjoni li ssirlu. Min-naħa l-oħra, fis-Salmi, billi huma kompożizzjonijiet poetiċi, it-traduttur ma jistax ma jagħtix kas ta' aspetti formali, biex kemm jista' jkun il-qawwa poetika tas-salm tbati mill-inqas. Dan bla ma jittraskura l-kontenut, billi fil-każ tal-Bibbja normalment il-kontenut għandu jieħu dejjem preċedenza fuq il-forma.[2] Mela, altru qed tittraduċi silta proża u altru silta proża espożitorja ta' natura filosofika.

Minn dan li għedna, għalhekk, joħroġ punt importanti: il-qofol jinsab fil-kontenut u mhux fil-kelma. Veru li hemm rabta, u rabta intima, bjen kontenut u lessiku, u l-kjarezza, jew nuqqas tagħha, tal-kontenut tiddependi mill-ħakma li għandu t-traduttur tar-riżorsi u l-vokabularju ta' l-ilsien riċevitur.[3] F'dan il-proċess – billi għandna fin-nofs il-kapaċità intellettwali u l-kompetenza lingwistika tat-traduttur – ma jistax jonqos li ma jintilifx xi ftit mill-messaġġ tal-LS u mill-impatt li dan il-messaġġ għandu fuq il-qarrej. Iżda din hija xi ħaġa inevitabbli, billi kull ilsien għandu l-karatteristiċi tiegħu li jagħżluh minn kull ilsien ieħor. Fil-każ ta' l-Ingliż u l-Malti, id-differenza bejniethom hija kbira, kemm f'dik li hija binja morfoloġika kif ukoll struttura sintattika, u mhux inqas fil-lessiku u l-idjoma. Fil-fatt, issib min isostni li qatt ma tista' tikkomunika f'lingwa oħra b'mod adegwat dak li jkun diġà ġie komunikat fil-lingwa oriġinali. Kull ma jista' jagħmel it-traduttur huwa li joqrob kemm jista' jkun lejn il-messaġġ tal-kittieb oriġinali.

### L-Ewwel Pass: Tifhem Tajjeb

Meta niġu biex nagħmlu traduzzjoni, liema huma l-passi li għandna nsegwu? L-ewwel u qabel kollox, it-traduttur jeħtieġlu jifhem, u jifhem tajjeb, il-messaġġ sħiħ tal-LS. Dan ma jfissirx li l-lingwa sempliċement ikun 'jafha', u mbagħad hemm id-dizzjunarju jagħmel tajjeb. Idealment, il-lingwa għandu jkun midħla tagħha, u possibbilment anki jitkellimha b'mod fluwenti, b'tagħrif ta' l-isfond soċjali u kulturali tal-poplu fejn il-lingwa tkun mitkellma. Dan igħinu jifhem is-silta li se' jittraduċi mhux b'mod superfiċjali, imma wkoll jirnexxilu jaqbad xi tifsir moħbi li jista' jkun hemm u xi interpretazzjoni li, għalkemm fil-wiċċ ma tidhirx, wieħed ikun jista' jaqbadha jekk jaqra, kif ngħidu bl-Ingliż, "between the lines". Għalina li x'aktarx nittraduċu mill-Ingliż, li għalina huwa t-tieni lingwa, din taf ma tkunx xi problema kbira kbira, għalkemm lanqas ma rridu nissimplifikaw il-ħaġa żżejjed. Huwa fatt li aktar ma l-istudenti tagħna jaqraw bl-Ingliż, u jaqraw ħafna, aktar se' jirnexxilhom jifhmu l-lingwa; u dan huwa l-ewwel pass lejn traduzzjoni tajba.

Wara li t-traduttur ikun fehem tajjeb is-silta li jkun se' jittraduċi, bil-konnotazzjonijiet kollha li l-lessiku jista' jkollu, ikun jista' jibda t-traduzzjoni proprja, jiġifieri s-sostituzzjoni tal-materjal fl-LS b'materjal ekwivalenti għalih fl-LT. Hawn ukoll – anzi iżjed – tidħol il-kompetenza lingwistika u letterarja tat-traduttur. Billi huwa jrid joħloq mill-ġdid f'lingwa messaġġ li oriġinarjament twassal f'lingwa oħra – irid jagħti libsa ġdida, waqt li l-messaġġ jibqa' bla mimsus – jeħtieġlu jkollu kapaċità kreattiva fl-LT. Din il-kompetenza ssibha x'aktarx meta t-traduttur ikun qed jittraduċi fil-lingwa tiegħu stess, il-lingwa materna. Rari ħafna tinkiseb f'min iż-żewġ lingwi (LS u LT) huma barranin għalih, ikun sempliċement studjahom. U hawn tispjega l-għaliex ħafna studenti Maltin ibatu aktar fit-traduzzjoni mit-Taljan/Franċiż/Ġermaniż għall-Ingliż u bil-maqlub, milli fit-traduzzjoni Ingliż-Malti jew viċe-versa. U għalhekk Nida jsostni li idealment "a translator should be completely bilingual in source and receptor languages, and should be translating into his mother tongue."[4]

### Element ta' Kreattività

Mela traduttur tajjeb huwa wkoll kittieb tajjeb. Fi traduzzjoni tidħol ukoll il-kreattività. Niżbaljaw bl-ikrah jekk naħsbu li filwaqt li fl-esèj ġenerali għandna nfittxu b'reqqa għall-għażla tal-kelma, binja tas-sentenza, għajdut idjomatiku, lingwaġġ figurattiv, u elementi oħra stilistiċi, fit-traduzzjoni dan nistgħu ngħaddu mingħajru. Traduzzjoni tajba titlob l-istess kura u metikoložità tal-kitba purament kreattiva – biex ma ngħidx iżjed, billi s-suġġett huwa diġà determinat. U huwa s-suġġett li jiddetta l-lessiku u l-istil. Hekk, ngħidu aħna, jekk is-silta għat-traduzzjoni tittratta suġġett argumentattiv ta' natura storika, hemm ċertu vokabularju li jista' ma jkunx addattat għas-silta. Mhux kollox jixraq lil kulħadd. Il-lewn u t-tifsila tal-libsa jridu jkunu addattati skond it-tul, l-istatura, u l-età tal-persuna.

Traduzzjoni titqies kemm hija tajba jew le mhux minn kemm toqrob lejn l-oriġinali f'dik li hi espressjoni – billi, kif għedna, l-ebda żewġ lingwi m'huma l-istess, qajla jista' jkollok korrispondenza assoluta bejn iż-żewġ testi – imma mill-effett li tħalli fuq il-qarrej. Aktar ma r-rispons fil-qarrej tat-traduzzjoni (LT) ikun jixbah lir-rispons fil-qarrej tas-silta fl-LS aktar it-traduzzjoni tkun irnexxiet. Traduttur tajjeb huwa,

• IKOMPLI WARA

għalhekk, dak li jirnexxilu, mingħajr ħafna tqanżih u sforzi żejda, joħloq fl-LT l-istess spirtu li janima t-test fl-LS, b'mod li l-qarrej qajla jintebah li dik li qed jaqra hi traduzzjoni.

**Żewġ Tipi ta' Traduzzjoni**

Allura t-traduttur ta' xiex irid jagħti kas l-aktar: tas-silta li għandu quddiemu fl-LS jew tal-qarrej/ja li għad irid/u jaqra/w l-istess silta fl-LT? U hawn niġu għaż-żewġ tipi ewlenin ta' traduzzjoni.

L-ewwel tip ta' traduzzjoni x'aktarx tħares lejn l-LS u tipprova titbiegħed minnha mill-inqas possibbli. It-traduttur ma jfittixx li jżomm il-messaġġ biss bla mimsus imma saħansitra l-forma tiegħu. U għalhekk meta jiġi biex jittraduċi jipprova, kemm jista' jkun, jittraduċi kelma b'kelma: jissostitwixxi nomi b'nomi, verbi b'verbi, u l-istruttura tal-frażi u l-binja sintattika tas-sentenza jinżammu, safejn huwa possibbli, l-istess. Saħansitra l-punteġġatura u t-taqsim f'paragrafi jkunu, tista' tgħid, identiċi. Skond Nida, din ix-xorta ta' traduzzjoni timmira lejn ekwivalenza formali.

Naturalment, biex il-messaġġ joħroġ ċar, it-traduttur ikollu bil-fors iżid xi kelma jew frażi 'l hawn u 'l hemm li ma tkunx fl-oriġinal, imma anki din il-kelma jew frażi skrupolożament iqegħedhom fil-parentesi jew, fl-istampa, juża l-korsiv biex jagħmilha ċara lill-qarrej li dawn ma jinsabux fl-LS. Din il-prattika kienet komuni ħafna fit-traduzzjonijiet ta' qabel żmienna. Sa l-epoka pre-Konċiljari, it-traduzzjonijiet tal-Bibbja kienu, tista' tgħid kollha, ta' dan it-tip, għalkemm fi gradi differenti.[5] Bħala eżempju fi lsienna, wieħed jista' jqabbel *Ktieb Rut* kif maqlub għall-Malti minn Mons. Carlo Cortis u mbagħad mill-Prof. P.P. Saydon. Għalkemm iż-żewġ tradutturi jimmiraw lejn ekwivalenza formali – it-tnejn ittraduċew mill-oriġinal Lhudi – Cortis jitjassar tant mal-LS li xi kultant jirrendi t-traduzzjoni tiegħu bil-kemm tiftiehem.[6]

It-tieni tip ta' traduzzjoni tħares aktar lejn l-LT milli lejn l-LS: Il-qarrej, li se' jaqra t-traduzzjoni tiegħi, se' jasal għandu l-istess messaġġ li hemm fl-oriġinal, bl-istess kjarezza u sbuħija letterarja, għalkemm f'ilsien differenti? It-traduzzjoni tiegħi se' tħalli fuqu l-istess impatt li ħalliet fuqi l-verżjoni oriġinali? It-traduttur iżomm kontinwament dan il-kriterju quddiem għajnejh, u għalhekk ma jiddejjaqx ibiddel il-binja sintattika tas-sentenza, ikisser sentenza twila f'sentenza iżgħar biex jiftiehmu aħjar, jaqleb nomi b'verbi, u l-bqija, jekk dan jinħass aħjar fl-LT biex il-kontenut joħroġ aħjar. Skond Nida, dan it-tip ta' traduzzjoni jimmira lejn ekwivalenza dinamika.

Dan ma jfissirx li f'din ix-xorta ta' traduzzjoni t-traduttur jittraskura għal kollox l-aspett formali tas-silta fl-LS, iżda biss li ma jitjassarx magħha b'mod riġidu. F'dan it-tip ta' traduzzjoni, imsejħa b'mod popolari traduzzjoni libera jew ħielsa, il-kontenut ma jistax ma joħroġx aħjar milli fl-ewwel tip ta' traduzzjoni. Naturalment, jekk it-traduttur jitħalla jieħu libertà żejda u jitbiegħed tant mill-istruttura formali tal-LS li l-ebda ħjiel tagħha ma jibqa' fl-LT, din qajla tista' ssejħilha traduzzjoni; pjuttost tkun parafrasi. M'għandniex għalfejn ngħidu li l-istudent irid joqgħod attent ħafna minn dan il-periklu, li ma jmurx jinstab li flok ikun jittraduċi jkun qed jinterpreta u jrodd fi kliemu l-messaġġ, u hekk ma jurix is-sengħa tiegħu fix-xjenza tat-traduzzjoni.

It-traduttur ma għandu l-ebda dritt iżid, inaqqas jew jinterpreta l-messaġġ tal-kittieb oriġinali. Huwa minnu li f'kull traduzzjoni hemm element ta' soġġettività; it-traduttur m'huwiex xi magna li taħdem b'mod impersonali. Bla ma jrid huwa se' jħalli b'xi mod it-timbru tal-personalità tiegħu, kemm mill-għażla tal-kliem, kemm mill-binja tas-sentenza, kif ukol mill-istil. Iżda huwa jrid joqgħod b'seba għajnejn biex dan l-indħil tiegħu jinħass mill-inqas?

**It-Traduzzjoni Ideali**

Nistgħu, allura, naslu għat-traduzzjoni 'ideali'? It-triq tan-nofs m'hawnx isbaħ minnha. It-traduzzjoni ideali hija dik li la tintrabat iżżejjed mal-LS u lanqas ma titħalla libera żżejjed. "Traduzzjoni tajba għandha tkun letterali u letterarja," igħidilna l-Prof. Saydon. "Letterali, jiġifieri magħmula kelma b'kelma; letterarja, jiġifieri magħmula b'mod li togħġob bħalma togħġob kitba oħra letterarja. L-għaqda ta' dawn iż-żewġ kwalitajiet hija l-akbar mertu li jista' jkollha traduzzjoni, u fl-istess ħin l-aqwa tfixkil li jiltaqa' miegħu kull traduttur. Fit-triq tan-nofs qiegħda s-sengħa, imma li timxi dejjem dritt fin-nofs bla ma tgħawweġ xi ftit m'hix ħaġa ħafifa."[8]

Traduttur tajjeb jagħraf igħaqqad iż-żewġ metodi ta' traduzzjoni fi proporzjonijiet u f'qisien differenti, skond in-natura tax-xogħol li jkollu f'idejh u l-iskop tat-traduzzjoni.[9] Jidhirli li l-Prof. Saydon għaraf iżewweġ flimkien b'mod feliċi ħafna dawn iż-żewġ metodi f'ħafna siltiet tat-traduzzjoni tiegħu ta' l-Iskrittura Mqaddsa. Dwar il-metodu tat-traduzzjoni tiegħu, Saydon jistqarr hekk: "Il-qlib ikun kelma b'kelma, imma ma jkun qatt marbut u mjassar mal-kelma Lhudija, li jkun donnu mqammat u ma jiftihemx. Għalhekk għamilt kemm stajt biex nagħti sura kollha Maltija lill-ħsieb tal-kittieb imqaddes, bla xejn ma nnaqqas mill-qawwa tal-Kelma Lhudija jew Griega."[10]

**L-Għażla tal-Kliem**

Dan iwassalna għal aspett ieħor tat-traduzzjoni li l-istudent ikollu jħabbat wiċċu miegħu, jiġifieri l-għażla tal-kliem u l-idjoma. Bħala regola, il-lessiku użat fi traduzzjoni għandu jkun l-istess lessiku użat f'kitbiet oħra, bħall-essej u n-novella, u għalhekk għandu jirrifletti l-lingwa Maltija kif inhi użata mill-Maltin illum. Dan ifisser li l-istudent Malti – li għandi nifhem għandu kompetenza lingwistika 'normali' ta' lsien pajjiżu – għandu jħoss ruħu komdu u naturali li juża l-Malti kif mitħaddet fil-ħajja ta' kuljum. Illum m'għandux iż-żmien li noqogħdu nfettqu fuq Malti semitiku u Malti mhux semitiku.[11] L-għażla tal-kliem tagħna trid tirrifletti l-Malti ta' llum, il-Malti ta' tmiem is-seklu XX, bil-vokabularju ġdid li daħal anki riċentement. Dan ma jfissirx li ma' għandu jkollna l-ebda kriterju fl-użu u t-tħaddim tal-lingwa. Imma nħoss li l-ewwel kriterju fit-traduzzjoni ma' għandux ikun ħlief il-fedeltà fir-riproduzzjoni tal-kontenut fl-LS u l-ġmiel artistiku tal-LT.

F'dan ir-rigward, għandna nagħmlu attenzjoni wkoll għas-silta li tkun se' tinqaleb. Altru kitba ta' natura xjentifika jew teknika, altru kitba legali jew medika. Il-każ jitbiddel jekk is-silta tkun sempliċement biċċa narrattiva b'element qawwi ta' deskrizzjoni, għalkemm hawn ukoll irridu nqisu l-epoka li fiha hija ambjentata s-silta, tkunx ambjentata, ngħidu aħna, f'Malta preistorika, medjevali, jew kontemporanea. Hekk, per eżempju, jekk il-kittieb qed jiddeskrivi battalja medjevali fi żmien il-Kruċjati, ma nistax nuża l-kelma *grawnd* biex nuri kamp tal-battalja fejn saret it-taqbida, billi l-kelma *grawnd* hija pjuttost reċenti fi lsienna u daħlet marbuta mal-logħba tal-futbol. Għalhekk tkun anakroniżmu użata f'kuntest ieħor. Daqskemm huwa anakronistiku l-użu tal-kelma *dokkjard* fil-kuntest tat-tarzna li kellhom f'Malta l-Kavallieri ta' San Ġwann. Hawn jidħol il-ġudizzju kritiku ta' l-istudent fl-għażla tal-kliem.

**L-Idjoma**

L-aħħar kelma fuq l-użu ta' l-idjoma. Issib studenti li jużaw Malti idjomatikament sabiħ f'esej u mbagħad ma jirnexxilhomx jilħqu l-istess livell ta' idjoma fi traduzzjoni. Donnu l-isforz li jagħmlu fi traduzzjoni biex jifhmu u jirriproduċu l-messaġġ tal-LS jaħlilhom kull enerġija biex joħolqu stil idjomatiku. Dan huwa difett. L-idjoma għandha postha wkoll fi traduzzjoni. Ara x'differenza tagħmel l-idjoma f'dawn iż-żewġ eżempji mit-traduzzjoni Bibblika ta' Saydon. L-ewwel silta meħuda mit-tentazzjonijiet ta' Kristu fid-deżert, fejn ix-xitan ħa l-Imgħallem fuq il-quċċata tat-Tempju "...u wrieh is-saltniet kollha tad-dinja f'ħakka t'għajn." (Lq. 4:5). Ma' din qabbel il-verżjoni tal-Għaqda Bibblika: "...u wrieh is-saltniet tad-dinja kollha f'daqqa." It-tieni eżempju mill-parabbola ta' l-armla li talbet l-imħallef jagħmlilha ħaqq; dan ma riedx, iżda billi baqgħet tiffittah qatagħha li jagħmlilha ħaqq "biex ma tibqax tiġi tiksirli rasi." (Lq. 18:5). Qabbel mat-traduzzjoni tal-Għaqda: "biex ma tibqax ġejja u sejra sa ma tifnini." Fit-traduzzjoni tagħha, l-Għaqda Bibblika wkoll għandha eżempji sbieħ ta' Malti mexxej u idjomatikament sabiħ bħal, ngħidu aħna, il-parti fejn Kristu jikkundanna l-ipokrisija tal-Kittieba u l-Fariżej. Lid-dixxipli tiegħu jgħidilhom: "Mela kull ma jgħidulkom huma agħmluh u ħarsuh, imma fatti xejn." (Matt. 23:3) – traduzzjoni li ddoqq iktar għall-widna minn ta' Saydon: "Mela kull ma jgħidulkom, agħmluh u ħarsuh; imma tagħmlux dak li jagħmlu huma, għax huma jgħidu u ma jagħmlux." L-użu ta' l-idjoma fi traduzzjoni jagħtiha dik il-libsa lokali li hija ingredjent ewlieni ta' traduzzjoni tajba.

Hilaire Belloc jiġbor tajjeb ħafna l qofol tax xogħol tat traduttur meta jikteb, b'riferenza għall-Ingliż: "...after having grasped as exactly as possible all that the original stands for, with the proportion between its various parts, the distinction between what is emphasized and what is left on a lower plane, we should say to ourselves, not 'How shall I make this foreigner talk English?' but 'What would an Englishmen have said to express the same?' That is translation. That is the very essence of art: the resurrection of an alien thing in a native body; not the dressing of it up in native clothes but the giving to it of native flesh and blood."[12]

• NOTI F'PAĠNA 295

# TWEĠIBIET MUDELLI MILL-KARTA TAL-MATRIKOLA "O"

*Wara l-kummenti sbieħ li rċevejna mill-istudenti u mill-għalliema fuq it-tweġibiet mudelli li tajna f'dan il-volum (ara 226) għall-l Karta tal-Livell Ordinarju, se' nerġgħu nagħtu daqqa ta' għajn lil sessjonijiet oħra ta' l-eżami għal dak li għandu x'jaqsam mat-taħriġ grammatikali li jingħata, jiġifieri mistoqsija 2(ċ) i-v kull darba.*

## MEJJU-ĠUNJU 1979

i. *L-Għerq u l-Forma:*
jogħġbu ⇐ GĦ-Ġ-B, I Forma (F); qam ⇐ Q-W-M, I F; jaqla' ⇐ Q L GĦ, I F; baqgħalhom ⇐ B-Q-GĦ, I F; jitmiegħek ⇐ M-GĦ-K, VI F; taqlagħlu ⇐ Q-L-GĦ, I F; jqisu ⇐ Q-J-S, I F; jitbellhu ⇐ B-L-H, V F; jitħalla ⇐ Ħ-L-J, V F; isawtu ⇐ S-W-T, II F

ii. *Nomi mill-Għerq:*
ġara ⇒ ġrajja; jridu ⇒ rieda; qam ⇒ qawmien; jaqla' ⇒ qalgħa; magħruf ⇒ għerf; nitmiegħek ⇒ tmegħik; żgħar ⇒ żgħorija; tfal ⇒ tfulija; jitbellhu ⇒ tbellih; jagħmlulu ⇒ għamla

iii. *Verbi minn:*
jasar ⇒ jassar; għajnejn ⇒ għajjen; għoli ⇒ għolla; xejn ⇒ xejjen; lsien ⇒ lissen; fehmiet ⇒ fehem; saħħtu ⇒ saħħaħ; kotra ⇒ kattar; baxx ⇒ baxxa; nerv ⇒ innervja

iv. *Tipi ta' Nomi u l-Għerq tagħhom:*
ħakma: "nomen unitatis", Ħ-K-M; twelid: "nomen actionis", W-L-D; għajnejn: għadd imtenni, GĦ-J-N; tagħlim: "nomen actionis", GĦ-L-M; ftuħ: "nomen actionis", F-T-Ħ; qlubija: nom astratt, Q-L-B; mħabba: nom mimmat, Ħ-B-B; mexxej: nom aġġettivali, M-X-J; saqajn: għadd imtenni, S-W-Q; għama: "nom actionis", GĦ-M-J

v. *Konjugazzjonijiet: TA, RIED, DAWWAL, GĦARAF, BAQA', TMIEGĦEK*

*il-Perfett:*
- tajt, tajt, ta, tat, tajna, tajtu, taw;
- ridt, ridt, ried, riedet, ridna, ridtu, riedu;
- dawwalt, dawwalt, dawwal, dawlet, dawwalna, dawwaltu, dawlu;
- għaraft, għaraft, għaraf, għarfet, għarafna, għaraftu, għarfu;
- bqajt, bqajt, baqa', baqgħet, bqajna, bqajtu, baqgħu;
- tmegħikt, tmegħikt, tmiegħek, tmiegħket, tmegħikna, tmegħiktu, tmiegħku

*L-Imperfett:*
- nagħti, tagħti, jagħti, tagħti, nagħtu, tagħtu, jagħtu;
- irrid, trid, irid, trid, irridu, tridu, iridu;
- indawwal, iddawwal, idawwal, iddawwal, indawlu, iddawlu, idawlu;
- nagħraf, tagħraf, jagħraf, tagħraf, nagħrfu, tagħrfu, jagħrfu;
- nibqa', tibqa', jibqa', tibqa', nibqgħu, tibqgħu, jibqgħu;
- immiegħek, tmiegħek, imiegħek, tmiegħek, immiegħku, tmiegħku, imiegħku

## MEJJU-ĠUNJU 1980

i. *L-Għerq u l-Forma:*
ikabbru ⇐ K-B-R, II F; jżommuhom ⇐ Ż-M-M, I F; jingħataw ⇐ GĦ-T-J, VII F; jinstabu ⇐ S-J-B, VII F; nitgħallmu ⇐ GĦ-M-L, V F; iħajjar ⇐ Ħ-J-R, II F; jingħaqdu ⇐ GĦ-Q-D, VII F; igħallem ⇐ GĦ-L-M, II F

ii. *Nomi mill-Għerq:*
jaħsdu ⇒ ħasda; iwegħed ⇒ twegħid; naħdmu ⇒ ħidma; jaqsmu ⇒ qasma; jaħsbu ⇒ ħsieb; tgħin ⇒ għajnuna

iii. *Verbi minn:*
xewqat ⇒ xtaq; ferħ ⇒ feraħ; rieda ⇒ ried; setgħa ⇒ seta'; mħabba ⇒ ħabb; nuqqas ⇒ naqqas

iv. *Kliem assoċjat ma':*
*ħadem:* ħaddem, tħaddem, inħadem, ħdim, ħidma, ħaddiem, ħaddiemi, tħaddim, tħaddima, maħdum, imħaddem;
*emigra:* emigrant, emigrazzjoni, emigrar, emigrat;
*kiber:* kabbar, tkabbar, imkabbar, kobor, kburija, kbarat, kbir, kburi, kabbari, akbar, makbru;

v. *Konjugazzjonijiet: QALA', SAB, IPPROTEĠA, OKKUPA, KELLU, TGĦALLEM*

*il-Perfett:*
- qlajt, qlajt, qala', qalgħet, qlajna, qlajtu, qalgħu;
- sibt, sibt, sab, sabet, sibna, sibtu, sabu;
- ipproteġejt, ipproteġejt, ipproteġa, ipproteġiet, ipproteġejna, ipproteġejtu, ipproteġew;
- okkupajt, okkupajt, okkupa, okkupat, okkupajna, okkupajtu, okkupaw;
- kelli, kellek, kellu, kellha, kellna, kellkom, kellhom;
- tgħallimt, tgħallimt, tgħallem, tgħallmet, tgħallimna, tgħallimtu tgħallmu

*l-Imperfett:*
- naqla', taqla', jaqla', taqla', naqilgħu, taqilgħu, jaqilgħu;
- insib, issib, isib, issib, insibu, issibu, isibu;
- nipproteġi, tipproteġi, jipproteġi, tipproteġi, nipproteġu, tipproteġu, jipproteġu;
- nokkupa, tokkupa, jokkupa, tokkupa, nokkupaw, tokkupaw, jokkupaw;
- għandi, għandek, għandu, għandha, għandna, għandkom, għandhom;
- nitgħallem, titgħallem, jitgħallem, titgħallem, nitgħallmu, titgħallmu, jitgħallmu

□ GĦAL AKTAR TWEĠIBIET MUDELLI AQLEB WARA

**NOTI: IX-XJENZA TAT-TRADUZZJONI**

1. It-termini 'Source Language' u 'Target Language' ħareġ bihom J.C. Catford fil-ktieb tiegħu *A Linguistic Theory of Translation* (London, OUP 1965). Eugene A. Nida juża 'Source Language' u 'Receptor Language'. Ara *Towards a Science of Translating* (Leiden, 1964). Ġorġ Mifsud ittraduċa t-termini ta' Catford hekk: lingwa ras il-għajn ('source language') u lingwa target ('target language'). Ara l-artiklu "It-Traduzzjoni", *Mis-Sillabu* Vol. 1, Nru. 4, p. 79.
2. Nida, E.A., *op. cit.*, p. 170.
3. "Traduzzjoni għandha tkun bħal ħġieġa nadifa li tħallik tara x'hemm warajha. Traduzzjoni ħażina jew mhix maħduma bir-reqqa hi żġieġa mdennsa." (Saydon, P.P., *Qlib il-Kotba Mqaddsa bil-Malti*, *Leħen il-Malti* 170 – 172, April-Ġunju 1945, p. 38).
4. Nida, *op. cit.*, p. 149.
5. Il-Prof. P.P. Saydon, li ttraduċa fil-Malti l-Bibbja sħiħa mill-ilsna oriġinali, fil-"Kelmtejn Qabel" għal *Ktieb il-Ġenesi*, iħoss il-ħtieġa li jfisser lill-qarrej li: "Il-kliem magħluq bejn żewġ nofs dwawar (. . .) ma jinsabx fil-Kotba Mqaddsa, iżda żidtu biss biex jiftiehem aħjar il-qari." (p. ix).
6. Ara *Il Libro di Ruth, trascritto e tradotto dall'ebraico con note* (Malta, 1924) tar-Rev. (wara Mons.) Carlo Cortis, stampat għand Giovanni Muscat ta' 213, Strada Sant'Ursola, Valletta, u *Ktieb Rut*, ippubblikat f'volum wieħed ma' *Ktieb l-Imħallfin* (Empire Press, 1932) ta' Dun P.P. Saydon.
7. Dawn iż-żewġ tipi ta' traduzzjoni, J.C. Catford (*op. cit.*) isejħilhom 'rank-bound' u 'unbounded' rispettivament. Huwa juża t-teorija tar-'rank scale' kif żviluppata minn M.A.K. Halliday fl-istudju tiegħu "Categories of the Theory of Grammar" (*Word*, Vol. 17, No. 3, 1961, pp. 241 – 292). B'riferenza għall-Ingliż, Halliday jistabbilixxi skala ta' ħames unitajiet grammatikali, imqassmin f'ordni minn fuq għal isfel, jew viċe-versa. Fuq nett għandna s-sentenza, taħt nett għandna l-morfema. Bejniethom insibu l-'clause', il-grupp, u l-kelma. Hekk, is-sentenza hija magħmula minn 'clause' waħda jew minn ġemgħa ta' 'clauses'; il-'clause' tissawwar minn grupp jew minn ġemgħa ta' gruppi; il-grupp, jew trażi, ikun fih kelma waħda jew għadd ta' kelmiet; il-kelma, fl-aħħarnett, hija jew morfema waħda jew numru ta' morfemi miġmugħin flimkien.
8. Saydon, *Qlib il-Kotba Mqaddsa bil-Malti, op. cit.*, p. 40.
9. Bejn iż-żewġ estremi 'rank-bound' u 'unbounded', nistgħu nidentifikaw it-triq tan-nofs li, b'xi mod, toqrob l-aktar lejn it-traduzzjoni 'ideali', jekk din teżisti. Fi traduzzjoni msejħa 'rank-conscious', it-traduttur jintrabat, għalkemm mhux iżżejjed, ma' l-aspetti formali tal-LS iżda ma jitmeżmiżx jitbiegħed minnha għal raġunijiet ta' kjarezza u stil. Għall-użu ta' dan it-terminu, ara t-teżi għall-grad ta' M.A. tar-Rev. (illum Dr.) E. Fenech, "A Comparitve Linguistic Study in the Translations of the Gospel according to St John in Maltese and Arabic" (RUM 1969).
10. Saydon, *Kelmtejn Qabel, op. cit.*, p. viii.
11. It-teżi ta' Saydon dwar l-għażla tal-kliem fit-traduzzjoni tiegħu – "Barrejt ukoll dak il-kliem kollu ta' nisel barrani, li daħal fil-Malti bla xejn ma naħteġuh" (*Ibid.*, loc.cit.) – illum għadda żmienha.
12. Ikkwotata minn Mons. R. Knox fix-xogħol tiegħu *Some Problems of Bible Translation*.

**CARMEL BEZZINA**

# TWEĠIBIET MUDELLI

## NOVEMBRU-DIĊEMBRU 1980

i. *Konjugazzjonijiet: IFFJAMMA, BAGĦAD, WERA*
*il-Perfett:* • iffjammajt, iffjammajt, iffjamma, iffjammat, iffjammajna, iffjammajtu, iffjammaw;
• bgħadt, bgħadt, bagħad, bagħdet, bgħadna, bgħadtu, bagħdu;
• urejt, urejt, wera, uriet, urejna, urejtu, urew
*l-Imperfett* • niffjamma, tiffjamma, jiffjamma, tiffjamma, niffjammaw, tiffjammaw, jiffjammaw;
• nobgħod, tobgħod, jobgħod, tobgħod, nobogħdu, tobogħdu, jobogħdu;
• nuri, turi, juri, turi, nuru, turu, juru

ii. *Nomi minn Verbi:*
jiġu ⇛ miġja; jikkurahom ⇛ kurar; jibqgħu ⇛ bqija; rabbiet ⇛ trobbija; juru ⇛ wiri

iii. *Aġġettivi minn:*
dinja ⇛ dinji; ħajja ⇛ ħaj; familja ⇛ familjari; hena ⇛ hieni; ħsieb ⇛ ħassiebi; marda ⇛ marid

iv. *Nomi minn:*
difettuża ⇛ difett; tawwalin ⇛ titwil; kbir ⇛ kburija; ereditarja ⇛ eredità, qosra ⇛ qosor; kapaċi ⇛ kapaċità

v. *Parteċipju Passati minn:*
jitwieldu ⇛ mitwieled; jieħdu ⇛ meħud; jattakka = attakkat; jagħtihom ⇛ mogħti; tagħmilhom ⇛ magħmul

## MEJJU-ĠUNJU 1980

i. *L-Għerq u l-Forma:*
igħaddi ⇚ GĦ-D-J, II F; blajtha ⇚ B-L-GĦ, I F; jogħla ⇚ GĦ-L-J, I F; iqum ⇚ Q-W-M, I F; jinħasel ⇚ Ħ-S-L, VII F

ii. *Tifsir ta' l-Ortografija b'eżempji oħra:*
jogħla *'l* fuq: il-prepożizzjoni 'lejn' imqassra biex toħloq l-avverbju tad-direzzjoni "*il* fuq", bil-waqgħa tal-vokali 'i-' minħabba l-vokali ta' qabilha; *eżempju ieħor:* imur *'l* isfel.
*kemm-il* darba: avverbju ta' l-għadd indefinit, bin-nom ta' warajh fis-singular bil-funzjoni tal-plural, magħqudin flimkien bis-sing u l-partiċella invarjabbli '-il' li tiehu post is-sillaba '-ar' tal-kelma 'għaxar'; *eżempju ieħor: tlettax-il* ktieb.
*mil*-lvant: il-prepożizzjoni 'minn' li minħabba l-assimilazzjoni sħiħa ma' l-artiklu definit issir 'mill-', imma titlef waħda mid-doppji għax ma jistgħux joqogħdu tliet konsonanti l-istess wara xulxin; *eżempju ieħor: mil*-lukanda.

iii. *Verbi minn:*
hieni ⇛ henna; iżjed ⇛ żied; xemx ⇛ xemmex; qanfud ⇛ qanfed; ilsna ⇛ lissen

iv. *Konjugazzjonijiet: KIEL, BELA', NFTIEHEM, TA, GĦOLA*
*il-Perfett:* • kilt, kilt, kiel, kielet, kilna, kiltu, kielu;
• blajt, blajt, bela', belgħet, blajna, blajtu, belgħu;
• inftehemt, inftehemt, inftiehem, inftiehmet, inftehemna, inftehemtu, inftiehmu;
• tajt, tajt, ta, tat, tajna, tajtu, taw;
• għolejt, għolejt, għola, għoliet, għolejna, għolejtu, għolew
*l-Imperfett:*
• niekol, tiekol, jiekol, tiekol, nieklu, tieklu, jieklu;
• nibla', tibla', jibla', tibla', nibilgħu, tibilgħu, jibilgħu;
• ninftiehem, tinftiehem, jinftiehem, tinftiehem, ninftiehmu, tinftiehmu, jinftiehmu;
• nagħti, tagħti, jagħti, tagħti, nagħtu, tagħtu, jagħtu;
• nogħla, togħla, jogħla, togħla, nogħlew, togħlew jogħlew

v. *Kliem Semitiku u Kliem Rumanz mis-silta:*
*Semitiku:* tuffieħa, żmien, għadda, għalliem, sħab;
*Rumanz:* bank, skola, ingawdi, ġustifikazzjoni, fatt

## NOVEMBRU-DIĊEMBRU 1981

i. *L-Għerq u l-Forma:*
faqqgħet ⇚ F-Q-Għ, II F; xegħel ⇚ X-GĦ-L, I F; titħallas ⇚ Ħ-L-S, V F; jaqgħu ⇚ W-Q-Għ, I F; titifx ⇚ T-L-F, I F

ii. *Nomi mill-Għerq:*
ħażin ⇛ ħażen; ġiet ⇛ miġja; kienet ⇛ imkien; sabet ⇛ sejba; tagħti ⇛ għotja

iii. *Konjugazzjonijiet; FAQQA', XEGĦEL, TA, IDDEPENDA, BIEGĦ*
*il-Perfett:* • faqqajt, faqqajt, faqqa', faqqgħet, faqqajna, faqqajtu, faqqgħu;
• xgħelt, xgħelt, xegħel, xegħlet, xgħelna, xgħeltu, xegħlu;
• tajt, tajt, ta, tat, tajna, tajtu, taw;
• iddependejt, iddependejt, iddependa, iddependiet, iddependejna, iddependew;
• begħt, begħt, biegħ, biegħet, begħna, begħtu, biegħu
*l-Imperfett:* • nfaqqa', tfaqqa', ifaqqa', tfaqqa', infaqqgħu, tfaqqgħu, ifaqqgħu;
• nixgħel, tixgħel, jixgħel, tixgħel, nixegħlu, tixegħlu, jixegħlu;
• nagħti, tagħti, jagħti, tagħti, nagħtu, tagħtu, jagħtu;
• niddependi, tiddependi, jiddependi, tiddependi, niddependu, tiddependu, jiddependu;
• nbigħ, tbigħ, ibigħ, tbigħ, inbigħu, tbigħu, ibigħu

iv. *Tifsir ta' l-Ortografija*
spiċċaw *agħar*: aġġettiv komparattiv komuni
*għandha* tiegħu: partiċella prepożizzjonali bis-suffiss pronominali femminil singular quddiem verb fl-imperfett, bit-tifsira li l-azzjoni għandha bżonn issir.
bdew *ibigħu:* verb moħfi ta' l-I Forma u għalhekk jitlef l-għerq dgħajjef '-J-' tan-nofs, bħall-mudell 'TaR = iTiRu'.

v. *Tifsir il-Kliem:*
*tremenda*: kbira ħafna; *prosperità*: ġid, *esaġerata*: minfuħa; *rapida*: mgħaġġla; *paniku*: ġenn

## NOVEMBRU-DIĊEMBRU 1982

i. *L-Għerq u l-Forma:*
issib ⇚ S-J-B, I F; jiġġarrfu ⇚ Ġ-R-F, V F; jinħass ⇚ Ħ-S-S, VII F; jiżżewġu ⇚ Ż-W-Ġ, V F, baqgħet ⇚ B-Q-GĦ, I F

ii. *Verbi minn:*
tmiem ⇛ intemm; agħrajjes ⇛ għarras; offerta ⇛ offra; pressjoni ⇛ ippressa; kritiku ⇛ ikkritika

iii. *Konjugazzjonijiet: ISSIB, TEFA', NAFU, BAQGĦET*
*il-Perfett:* • sibt, sibt, sab, sabet, sibna, sibtu, sabu;
• tfajt, tfajt, tefa', tefgħet, tfajna, tfajtu, tefgħu;
• kont naf, kont taf, kien jaf, kienet taf, konna nafu, kontu tafu, kienu jafu;
• bqajt, bqajt, baqa', baqgħet, bqajna, bqajna, baqgħu
*l-Imperfett:* • insib, issib, isib, issib, insibu, issibu, isibu;
• nitfa', titfa', jitfa', titfa', nitfgħu, titfgħu, jitfgħu;
• naf, taf, jaf, taf, nafu, tafu, jafu;
• nibqa', tibqa', jibqa', tibqa', nibqgħu, tibqgħu, jibqgħu

iv. *Tifsir ta' l-Ortografija:*
agħrajjes: plural miksur bil-vokali tal-leħen quddiem l-'għ-' fuq il-mudell SuLTaN = *i*SLaTeN u mhux *S*i*LaTeN;
għ*adha*: pronom mehmuż femminil singular mal-verb 'għad', bil-funzjoni tal-verb "to be";
jiżżewġu: konsonanti dgħajfa ma tistax toqgħod imtennija quddiem konsonanti sħiħa;
popolazzjoni: il-vokali hija maħtufa u għalhekk tinħass il-konsonanti doppja;
jiġġarrfu: huwa verb tal-V Forma u għalhekk il-konsonanti mtennija ma tistax taqa' u b'hekk tidher l-istruttura sħiħa tagħha

v. *Tifsir il-Kliem:*
*allarmanti:* ibeżża'; *domanda:* talba; *akut:* qawwi; *naturalment:* tabilħaqq; *b'mod serju:* serjament

**ĠORĠ MIFSUD**



# SEMINAR GĦALL-KITTIEBA U GĦALL-GĦALLIEMA PROGRESSIVI

**QIEGĦED IL-KITTIEB MALTI** jieħu sehem fil-ħolqien ta' kuxjenza soċjali bħala s-sisien ta' bidla kulturali mill-qiegħ b'riżq il-ħaddiem? Jista' l-artist, b'mod partikulari l-poeta, il-prożatur u d-drammaturgu, jiżviluppa b'mod sħiħ il-personalità kreattiva tiegħu fi ħdan moviment politiku li jkollu t-tmexxija tal-pajjiż f'idejh?

Dawn kienu wħud mit-temi li ħarġu waqt is-"Seminar għall-Kittieba u għall-Għalliema Progressivi" imniedi mill-*Fondazzjoni Ġużè Ellul Mercer* fis-17 ta' Mejju, 1986. Il-parteċipanti fih kienu wħud mill-kittieba u l-poeti ewlenin xellugin flimkien ma' xi kittieba żgħażagħ, ġurnalisti u għalliema. Iddiskutew l-iżvilupp tal-kitba soċjo-realista fil-Letteratura tagħna kif ukoll x'jeħtieġ isir biex tinfirex il-kultura tal-ħaddiem fil-ġejjieni.

L ewwel taħdita saret minn Oliver Friggieri dwar "Is-Soċjo-Realistiċi minn Mamo sa Orlando: l-Impenn Politiku". Il-kelliemi stqarr li jara lil Ġwann Mamo, lil Ġużè Ellul Mercer u lil Ġużè Orlando bħala t-trijangolu ta' kittieba impenjati biex janalizzaw lil nieshom bħala "ġemgħa ta' klassijiet li jiffurmaw soċjeta mimlija differenzi u preġudizzji". Mamo, Ellul Mercer u Orlando jħaddmu l-figura letterarja tal-buffu jew tal-farsa li taħbi t-traġedja wara d-daħka. *Ulied in-Nanna Venut fl-Amerika* (1933), juża l-umoriżmu bħala satira; il-protagonista ta' *Leli ta' Ħaż-Żgħir* (1938) huwa ħaddiem intelliġenti li jistona f'soċjetà aljenata waqt li *L-Ibleh* (1948) juża l-konfront bejn il-bluha ta' l-idealiżmu u s-sens komun tal-kotra. Dawn il-kittieba kienu attivi fil-Partit tal-Ħaddiema. Fittxew li jorbtu l-kitba tagħhom ma' l-ambjent soċjali tal-ħaddiem, saħqu fuq is-siwi tat-tagħlim bil-Malti u riedu jdawlu lill-ħaddiem biex iqajmuh mir-raqda ta' l-aljenazzjoni.

Joseph J. Camilleri tkellem dwar "It-Tibdil fis-Soċjetà skond il-Letteratura ta' wara l-Gwerra". Stħarreġ ix-xejriet ġodda fil-kitba kontemporanea bit-tibdil soċjali, ekonomiku u politiku f'dawn l-aħħar erbgħin sena bil-mentalità tal-ħassieb bħala interpretu tal-qagħda ta' niesu, u din il-mentalità nbidlet ukoll. Twarrab bosta mit-tabù li kien ixekkel il-kittieb li beda jgħarbel l-impatt fuq is-soċjetà tagħna bl-iżvilupp sfrenat ta' l-ambjent, it-theddida tal-qerda nukleari, it-taħlit mat-turisti barranin, it-twarrib tat-tabù fl-użu u fit-tagħlim tas-sess u l-bidliet soċjali u ekonomiċi radikali.

David Caruana u Mario Vella tkellmu dwar "Il-Kultura u l-Ħaddiem fil-Ġejjieni". Caruana stħarreġ kif fil-passat il-kultura kienet punt qawwi ta' firda bejn il-klassi tal-ħaddiema u l-klassi tal-kotra maħkuma. Meta l-ħaddiem beda jingħaqad bosta kittieba kienu protagonisti tal-ħidma letterarja u politika biex jibda t-tagħlim bil-Malti għall-ħaddiem. Tkellmu fil-kitbiet tagħhom dwar ir-realtà tal-ġuħ, tal-ħafa, tal-ħmieġ, tal-faqar, tat-turufnament u tal-fanatiżmu reliġjuż. Għalhekk, jeħtieġ li l-ħaddiem jitgħallem japprezza l-ħidma artistika u jikseb għodda ta' analiżi u kritika ħalli jsarraf l-informazzjoni f'tagħrif kulturali siewi.

Mario Vella tkellem dwar is-sehem tal-kittieb fit-tiġdid ta' kultura popolari għall-ġejjieni. Stqarr li billi l-klassi tal-ħaddiem għadha mingħajr il-poter veru f'idejha, allura xejn ma jżomm lill-ħassieb u lill-kittieb milli jħaddan it-twemmin ta' min qed jiggverna u fl-istess ħin jikkritika n-nuqqasijiet kulturali jew soċjali kif iħosshom u kif imisshom hu.

Fid-diskussjonijiet li saru matul is-seminar ħareġ ċar li min hu impenjat biex idawwal lill-poplu ħaddiem, jiġifieri l-gvern u l-kittieb, għandhom ikattru r-rispett reċiproku lejn xulxin u jużaw ix-xandir, il-kotba u l-istampa b'mod aktar effettiv.

**DAVID CARUANA**

**Lawrence Quintano:**

# *Ir-Reliġjon għall-Kittieb Malti!* (2)



F. Sammut

MINKEJJA DAK KOLLU li jgħidu dawk kollha li ma jaqblux mas-sentimenti 'reliġjużi espressi mill-kittieb modern naħseb li kollha kemm huma jammettu li l-aqwa poeżija reliġjuża li għandna fil-Malti kitibha Daniel Massa. Inħossni naqbel perfettament ma' l analiżi u l-kritika li għamel Dun Peter Serracino Inglott u mal-valutazzjoni li ta tal-poeżija *Abort.*[15] Bla dubju ta' xejn din hija ġawhra fil-letteratura Maltija.

Issa nixtieq – imqar jekk fil-qosor – ngħid xi ħaġa dwar ir-rumanz u d-dramm. Ir-reliġjon dritta li tana Ġużè Chetcuti (kittieb li l-aktar li jinteressa ruħu fi problemi soċjali) f'*Id-Dawl tal-Ħajja* għebet għal kollox f'*Aħna Sinjuri* ta' J.J. Camilleri u *Il-Gaġġa* ta' Frans Sammut. Jien nara li ta' l-ewwel huwa rumanz soċjalista tip ta' studju psikoloġiku. Ma naħsibx li r-reliġjon hija ta' xi forza partikolari hawnhekk minkejja xi riferenzi ċkejknin fil-*Gaġġa*. Peress li qabel ir-rumanzi kienu fil-maġġoranza tagħhom storiċi r-reliġjon kienet tidħol bil-fors. Jekk issa qed ninżgħu mill-istorja bil-fors li interess f'qassisin, prietki u vari tal-festa ser igħib. Wara kollox hemm aktar problemi importanti x'wieħed jittratta.[16]

It-teatru wkoll mhux jagħti importanza fanatika lir-reliġjon. Ġużè Aquilina kien diġà jagħti importanza aktar lis-soċjetà milli problemi reliġjużi tar-raħal fil-ktieb tiegħu *Fit-Tejatru*. Ebejer huwa l-psikanalista u r-reliġjon ma tissemmiex fit-teatru tiegħu. Mhux għax drammi bi problemi reliġjużi m'għandhomx jinkitbu: biżżejjed wieħed jiftakar fi Diego Fabbri u *Processo a Gesù*.[17] Anzi jien insostni li jekk ikollna teatru (mhux teatrin) bi problemi reliġjużi profondi jkollna drammi verament tajbin. Għad irridu naraw xogħol bħal ta' Bernanos u Ugo Betti.

J.J. Camilleri



Bħalma ġara fil-poeżija fid-dramm daħal ħafna l-interess fid-dehra tal-bniedem minn ġewwa. Dan bil-fors kellu jiġri: in-normi xotti xotti reliġjużi ma setgħux jibqgħu fuq saqajhom ġaladarba Freud tkellem u kixef is-subkonxju. Dan li qed ngħid wieħed jista' jarah fil-kritika li għamel Oliver Friggieri ta' Francis Ebejer f'*Kittieba ta' Żmienna* fejn it-teoriji ta' Freud u Jung ingħataw l-importanza li tistħoqqilhom. Fil-fatt biex tifhem 'l Ebejer trid tkun qrajt il-kitba ta' dawn il-psikanalisti.

Il-letteratura Maltija tradizzjonali kienet kważi dejjem iddur fuq żewġ suġġetti biss: reliġjon u patrijottiżmu u peress li fl-istorja ta' Malta dejjem ħallatna dawn iż-żewġ elementi flimkien u rajna t-taqbida mat-Torok, mal-Franċiżi u man-Nażisti bħala taqbida qaddisa ma setax ikun li l-ġenerazzjonijiet ta' qabilna ma jagħtuhomx importanza. Imma l-kittieb li qed jitrawwem huwa wieħed li siefer u li jaf xi tfisser li jkollok ideoloġija oħra differenti minn tiegħek. Fil-fatt it-tolleranza u l-libertà reliġjuża li ħeġġiġna għalihom il-Konċilju Vatikan II. M'hux ta' b'xejn li f'poeta bħal Sciberras insibu referenza għal Buddha[18] u f'Dennis Agius għall-Koran. Minbarra dan sar twessigħ ġmielu fl-għażla tas-suġġetti biex wieħed jikteb fuqhom; għalhekk, iċ-ċans li wieħed jikkonċentra fuq ir-reliġjon u l-patrijottiżmu naqas.

## NOTI

15. Massa kiteb poeżija ta' valur reliġjuż u teoloġikament ortodossa mill-aħjar li għandna fil-Malti. *Op. cit.* p. 24.
16. Ara, Alfred Sant, *Problemi ta' Llum* (Jannar, 1972), p. 48. Il-kontenut tar-rumanz ġdid Malti bil-fors li se jxaqleb lejn analiżi xettika u lajka ta' problemi u materjal li qabel jew ma kienu jissemmew xejn jew b'mod ortodoss.
17. Minn mindu nkiteb dan l-artiklu, it-televiżjoni lokali wera xogħol ta' Ugo Betti bi produzzjonijiet ta' J. Friggieri u A. Marshall. *Processo a Gesù* wkoll inħadem fuq l-istazzjon televiżiv (bl-isem *Kristu Fl-Iżbarra*) fi produzzjoni vasta li nħadmet minn M. Azzopardi fl-1980 u li kienet ripetuta fuq l-iskrin fl-1984.
18. L-element Buddista ddaħħal b'insistenza fl-antoloġija *Tabernakli* ta' Mario Azzopardi (1979) u, riċentement, f'*Mandala* ta' Philip Sciberras (1984).